ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 180

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

15 ta' Lulju 2010

Werrej

I *Atti leġislattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE** ........ 1

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 tal-24 ta' Ġunju 2010 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 736/96** ........ 7

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 618/2010 tal-14 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 15

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 619/2010 tal-14 ta' Lulju 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10 ........ 17

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 3 EUR**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 620/2010 tal-14 ta' Lulju 2010 dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti natul l-ewwel sebat ijien tax-xahar ta' Lulju 2010 fil-qafas tal-kwoti tariffarji stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għal-laħam tat-tjur .......... 19

DEĊIŻJONIJIET

2010/391/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Lulju 2010 li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tar-rikonoxximent tal-Litwanja u r-reġjun tal-Molise fl-Italja bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*) u li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' ċerti reġjuni amministrattivi tal-Italja bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi bovina, mill-bruċellosi bovina u l-lewkosi bovina enzootika** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4592)* ([1]) .......... 21

2010/392/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2010 li ttemm il-proċedura antidumping rigward l-importazzjoni ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-Indja u mill-Malażja** .......... 26

2010/393/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2010 li ttemm il-proċedura kontra s-sussidji dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet minnhom li joriġinaw fl-Indja u fil-Malasja** .......... 28

---

IV *Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom*

2010/394/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2008 dwar l-għajnuna mill-Istat bin-numru C 57/06 (dik li qabel kienet l-għajnuna bin-numru NN 56/06 u bin-numru N 451/06) b'rabta mal-finanzjament mogħti mir-reġjun ta' Hessen lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun** *(notifikata bid-dokument numru C(2008) 1626)* ([1]) .......... 30

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġislattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2010/41/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-7 ta' Lulju 2010**

**dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 157(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Europea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE tal-11 ta' Diċembru 1986 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività, inkluża l-agrikoltura, b'kapaċità li fiha jaħdmu għal rashom, u dwar il-protezzjoni ta' nisa li jaħdmu għal rashom waqt it-tqala u waqt li qed irabbu t-tfal ([3]), tiżgura l-applikazzjoni fl-Istati Membri tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom, jew li qed jikkontribwixxu fl-eżerċizzju ta' tali attività. F'dak li jirrigwarda persuni li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi ta' persuni li jaħdmu għal rashom, id-Direttiva 86/613/KEE ma kinitx effettiva ħafna u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għandu jitqies mill-ġdid, minħabba li d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess u l-fastidju jseħħu wkoll f'oqsma barra mix-xogħol bis-salarju. Fl-interess taċ-ċarezza, id-Direttiva 86/613/KEE għandha tiġi sostitwita b'din id-Direttiva.

(2) Fil-Komunikazzjoni tagħha, tal-1 ta' Marzu 2006, intitolata "Pjan tar-rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel", il-Kummissjoni ħabbret li biex ittejjeb il-governanza għall-ugwaljanza bejn is-sessi, ser tirrivedi l-leġislazzjoni attwali tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li mhijiex inkluża fl-eżerċizzju ta' tfassil mill-ġdid tal-2005 bil-għan li jkun hemm aġġornament, modernizzazzjoni u tfassil mill-ġdid fejn meħtieġ. Id-Direttiva 86/613/KEE ma kinitx inkluża fl-eżerċizzju ta' tfassil mill-ġdid.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-5 u tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar "Rwoli bilanċjati tan-nisa u l-irġiel għall-impjiegi, it-tkabbir u l-koeżjoni soċjali", il-Kunsill appella lill-Kummissjoni biex tqis il-ħtieġa li tirrivedi, jekk ikun meħtieġ, id-Direttiva 86/613/KEE biex tissalvagwardja d-drittijiet relatati mal-maternità u paternità ta' persuni li jaħdmu għal rashom u tal-konjuġi li jgħinuhom.

(4) Il-Parlament Ewropew sejjaħ b'mod konsistenti lill-Kummissjoni biex tirrivedi d-Direttiva 86/613/KEE, b'mod partikolari biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-maternità ta' nisa li jaħdmu għal rashom u biex tittejjeb il-qagħda tal-konjuġi ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

(5) Il-Parlament Ewropew diġà ppreżenta l-pożizzjoni tiegħu dwar dawn il-materji fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Frar 1997 dwar is-sitwazzjoni tal-konjuġi ta' għajnuna ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom ([4]).

(6) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Lulju 2008 intitolata "Aġenda Soċjali Mġedda: Opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fl-Ewropa tas-seklu 21", il-Kummissjoni affermat il-ħtieġa li tieħu azzjoni dwar id-differenza bejn is-sessi fl-intraprendenza kif ukoll biex ittejjeb ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja privata ma' dik professjonali.

([1]) ĠU C 228, 22.9.2009, p. 107.
([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Mejju 2009 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-8 ta' Marzu 2010 (ĠU C 123 E, 12.5.2010, p. 5), il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010.
([3]) ĠU L 359, 19.12.1986, p. 56.
([4]) ĠU C 85, 17.3.1997, p. 186.

(7) Diġà hemm għadd ta' strumenti legali eżistenti għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali li jkopru l-attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali [1] u d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol [2]. Din id-Direttiva għalhekk m'għandhiex tapplika għall-oqsma li diġà huma koperti minn direttivi oħra.

(8) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom. Il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri fir-rigward tal-organizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, tinkludi, fost oħrajn, deċiżjonijiet dwar l-istabbiliment, il-finanzjament u l-ġestjoni ta' tali sistemi u istituzzjonijiet relatati kif ukoll dwar is-sustanza u l-għoti ta' benefiċċji, il-livell tal-kontribuzzjonijiet u l-kondizzjonijiet għall-aċċess.

(9) Din id-Direttiva għandha tapplika għal persuni li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi tagħhom jew, meta u safejn huma rikonoxxuti bil-liġi nazzjonali, il-life partners tagħhom, meta dawn, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti bil-liġi nazzjonali, abitwalment jipparteċipaw fl-attivitajiet tan-negozju. Sabiex titjieb il-qagħda għal dawn il-konjuġi u, meta u safejn huma rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali, għal-life partners ta' persuni li jaħdmu għal rashom, ix-xogħol tagħhom għandu jiġi rikonoxxut.

(10) Din id-Direttiva m'għandiex tapplika għal materji koperti minn Direttivi oħra li jimplimentaw il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, partikolarment id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi [3]. Fost oħrajn, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/113/KE dwar l-assigurazzjoni u servizzi finanzjarji relatati jibqa' applikabbli.

(11) Biex tkun evitata d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, din id-Direttiva għandha tapplika kemm għad-diskriminazzjoni diretta kif ukoll għal dik indiretta. Il-fastidju u l-fastidju sesswali għandhom jitqiesu bħala diskriminazzjoni u għalhekk għandhom jiġu pprojbiti.

(12) Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mill-istat konjugali jew tal-familja kif definiti fil-liġi nazzjonali.

(13) Il-prinċipju ta' trattament ugwali jkopri r-relazzjonijiet bejn il-persuni li jaħdmu għal rashom u partijiet terzi fl-ambitu ta' din id-Direttiva, iżda mhux relazzjonijiet bejn persuna li taħdem għal rasha u l-konjuġi jew il-life partner tagħha.

(14) Fil-qasam ta' persuni li jaħdmu għal rashom, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali tfisser li m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni abbażi ta' sess, pereżempju, b'rabta mal-istabbiliment, it-tagħmir jew l-estensjoni ta' negozju jew il-varar jew l-estensjoni ta' kwalunkwe forma oħra ta' attività ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

(15) L-Istati Membri jistgħu, taħt l-Artikolu 157(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iżommu jew jadottaw miżuri li jipprevedu vantaġġi speċifiċi biex jagħmluha aktar faċli għas-sess li mhuwiex rappreżentat biżżejjed biex jipparteċipa f'attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom jew biex jevita jew jikkumpensa għal żvantaġġi fil-karrieri professjonali tagħhom. Fil-prinċipju, miżuri bħal azzjoni pożittiva mmirata biex tikseb l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-prattika m'għandhomx jitqiesu li qed jiksru l-prinċipju legali ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa.

(16) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-kondizzjonijiet għall-istabbiliment ta' kumpannija bejn il-konjuġi jew, meta u safejn huma rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali, il-life partners, mhumiex aktar restrittivi mill-kondizzjonijiet għall-istabbiliment ta' kumpannija ma' persuni oħrajn.

(17) Bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tan-negozju tal-familja, il-konjuġi jew, meta u sa fejn huma rikonoxxuti bil-liġi nazzjonali, il-life partners ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għandhom aċċess għal sistema għall-protezzjoni soċjali, għandhom ikunu intitolati wkoll li jibbenefikaw minn protezzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom ikunu obbligati li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex din il-protezzjoni soċjali tiġi organizzata f'konformità mal-liġi nazzjonali. B'mod partikolari, huma l-Istati Membri li jridu jiddeċiedu jekk din il-protezzjoni soċjali għandhiex tiġi implimentata fuq bażi obbligatorja jew volontarja. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li din il-protezzjoni soċjali tista' tkun proporzjonali għall-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-ħaddiem li jaħdem għal rasu u/jew il-livell ta' kontribuzzjoni.

(18) Il-vulnerabbiltà ekonomika u fiżika ta' nisa tqal li jaħdmu għal rashom u ta' konjuġi tqal u, meta u safejn huma rikonoxxuti bil-liġi nazzjonali, ta' life partners tqal ta' persuni li jaħdmu għal rashom, tirriżulta fil-ħtieġa tagħhom li jingħataw id-dritt tal-benefiċċji tal-maternità. L-Istati Membri jibqgħu kompetenti li jorganizzaw tali benefiċċji, inkluż l-istabbiliment tal-livell ta' kontribuzzjonijiet u l-arranġamenti kollha li jikkonċernaw benefiċċji u ħlasijiet, bil-kondizzjoni li jiġu mħarsa r-rekwiżiti minimi ta' din id-Direttiva. B'mod partikolari, huma jistgħu jiddeterminaw f'liema perijodu qabel u/jew wara t-twelid jingħata d-dritt għall-benefiċċji tal-maternità.

[1] ĠU L 6, 10.1.1979, p. 24.
[2] ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.
[3] ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.

(19) It-tul taż-żmien li matulu persuni li jaħdmu għal rashom ta' sess femminili u l-konjuġi ta' sess feminili jew, meta u sakemm din tkun rikonoxxuta mil-liġi nazzjonali l-life partner ta' sess feminili, ta' persuni li jaħdmu għal rashom, tingħata benefiċċji tal-maternità għandu jkun simili għat-tul tal-leave tal-maternità għal impjegati li huwa attwalment fis-seħħ fil-livell tal-Unjoni. F'każ li t-tul tal-leave tal-maternità mogħti lil impjegati jiġi modifikat fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill billi tagħmel valutazzjoni dwar jekk għandux jiġi modifikat it-tul tal-benefiċċji ta' leave tal-maternità għal ħaddiema nisa li jaħdmu għal rashom u konjuġi ta' sess feminili jew life partner tas-sess feminili msemmija fl-Artikolu 2.

(20) Biex jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet ta' attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom, nisa li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi nisa jew, meta u safejn huma rikonoxxuti bil-liġi nazzjonali, il-life partners nisa, ta' persuni li jaħdmu għal rashom għandhom jingħataw aċċess għal kwalunkwe servizz eżistenti li jipprovdi sostituzzjoni temporanja li jippermettilhom li jinterrompu l-attività tax-xogħol tagħhom minħabba t-tqala jew minħabba li qed irabbu t-tfal, jew għal kwalunkwe servizz soċjali nazzjonali eżistenti. L-aċċess għal dawk is-servizzi jista' jkun alternattiva għal, jew parti mill-allowance tal-maternità.

(21) Il-persuni li kienu suġġetti għal diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess għandu jkollhom mezzi xierqa ta' protezzjoni legali. Biex tingħata protezzjoni aktar effettiva, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u entitajiet legali oħra għandhom jingħataw is-setgħa li jinvolvu ruħhom fi proċedimenti, kif jiddeċiedu l-Istati Membri, jew f'isem jew b'appoġġ għal kull vittima, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali ta' proċedura dwar rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati.

(22) Il-protezzjoni ta' persuni li jaħdmu għal rashom u konjuġi ta' persuni li jaħdmu għal rashom u, meta u safejn huma rikonoxxuti bil-liġi nazzjonali, il-life partners ta' persuni li jaħdmu għal rashom, mid-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess għandha tissaħħaħ bl-eżistenza ta' korp jew korpi f'kull Stat Membru b'kompetenza li janalizzaw il-problemi involuti, jistudjaw soluzzjonijiet possibbli u jagħtu assistenza prattika lill-vittmi. Il-korp jew korpi jistgħu jkunu l-istess bħal dawk b'responsabbiltà fuq livell nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali.

(23) Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi, u b'hekk tagħti lill-Istati Membri l-għażla li jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet aktar favorevoli.

(24) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jkun żgurat livell għoli komuni ta' protezzjoni mid-diskriminazzjoni fl-Istati Membri kollha, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas għall-attwazzjoni fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom, jew li jikkontribwixxu għall-eżerċizzju ta' tali attività, fir-rigward ta' dawk l-aspetti li mhumiex koperti bid-Direttivi 2006/54/KE u 79/7/KEE.

2. L-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi tibqa' koperta bid-Direttiva 2004/113/KE.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Direttiva tkopri:

(a) persuni li jaħdmu għal rashom, jiġifieri l-persuni kollha li jeżerċitaw attività bi qligħ għal rashom, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti bil-liġi nazzjonali;

(b) il-konjuġi ta' persuni li jaħdmu għal rashom jew, meta u safejn huma rikonoxxuti bil-liġi nazzjonali, il-life partners ta' persuni li jaħdmu għal rashom, li ma jkunux impjegati jew imsieħba fin-negozju, fejn huma abitwalment, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti bil-liġi nazzjonali, jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-persuna li taħdem għal rasha u jwettqu l-istess kompiti jew kompiti anċillari.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "diskriminazzjoni diretta": fejn persuna waħda tiġi trattata b'mod inqas favorevoli minħabba raġunijiet ta' sess milli hija, kienet jew tkun trattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli;

(b) "diskriminazzjoni indiretta": fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika li jidhru newtrali jkunu jpoġġu lil persuni ta' sess wieħed fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika mhumiex iġġustifikati oġġettivament minn għan leġittimu, u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan huma adatti u meħtieġa;

(c) "fastidju": fejn isseħħ imġiba mhix mixtieqa relatata mas-sess ta' persuna bil-fini jew bl-effett ta' vjolazzjoni tad-dinjità ta' dik il-persuna, u li jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv;

(d) "fastidju sesswali": meta titwettaq kull forma ta' mġiba verbali, mhux verbali jew fiżika mhux mixtieqa ta' natura sesswali, bil-fini jew bl-effett ta' vjolazzjoni tad-dinjità ta' persuna, b'mod partikolari meta jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

*Artikolu 4*

**Prinċipju ta' trattament ugwali**

1. Il-prinċipju ta' trattament ugwali jfisser li m'għandu jkun hemm assolutament l-ebda diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess fis-settur pubbliku u f'dak privat, kemm direttament kif ukoll indirettament, pereżempju fir-rigward tal-istabbiliment, it-tagħmir jew l-estensjoni ta' negozju jew it-tnedija jew l-estensjoni ta' kull forma oħra ta' attività ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

2. Fl-oqsma koperti bil-paragrafu 1, il-fastidju u l-fastidju sesswali għandhom jitqiesu bħala diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess u għalhekk għandhom jiġu pprojbiti. Ir-rifjut ta' jew is-sottomissjoni għal tali mġiba minn persuna ma jistgħux jintużaw bħala bażi għal deċiżjoni li tolqot lil dik il-persuna.

3. Fl-oqsma koperti bil-paragrafu 1, ordni li tiddiskrimina kontra persuni fuq bażi ta' sess għandha titqies bħala diskriminazzjoni.

*Artkolu 5*

**Azzjoni pożittiva**

L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jadottaw miżuri fis-sens tal-Artikolu 157(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb li tiġi żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol li tkun immirata, pereżempju, għall-promozzjoni ta' inizjattivi tal-intraprenditorija fost in-nisa.

*Artikolu 6*

**Stabbiliment ta' kumpannija**

Mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet speċifiċi għal aċċess għal ċerti attivitajiet li japplikaw ugwalment għaż-żewġ sessi, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kondizzjonijiet għall-istabbiliment ta' kumpannija bejn il-konjuġi, jew bejn il-life partners meta u safejn huma rikonoxxuti bil-liġi nazzjonali, mhumiex aktar restrittivi mill-kondizzjonijiet għall-istabbiliment ta' kumpannija bejn persuni oħra.

*Artikolu 7*

**Protezzjoni soċjali**

1. Meta teżisti sistema għall-protezzjoni soċjali ta' persuni li jaħdmu għal rashom fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-konjuġi u l-life partners msemmijin fl-Artikolu 2(b) jistgħu jibbenefikaw minn xi protezzjoni soċjali f'konformità mal-liġi nazzjonali.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk il-protezzjoni soċjali msemmija fil-paragrafu 1 hijiex implimentat fuq bażi obbligatorja jew volontarja.

*Artikolu 8*

**Benefiċċji tal-maternità**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li nisa li jaħdmu għal rashom u konjuġi u life partners nisa msemmijin fl-Artikolu 2 ikunu jistgħu, skont il-liġi nazzjonali, jingħataw allowance tal-maternità li tkun biżżejjed biex tippermettilhom li jinterrompu l-attività tax-xogħol tagħhom minħabba t-tqala jew minħabba l-maternità għal mhux inqas minn 14-il ġimgħa.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk l-allowance tal-maternità msemmija fil-paragrafu 1 hijiex mogħtija fuq bażi obbligatorja jew volontarja.

3. L-allowance msemmija fil-paragrafu 1 għandha titqies li tkun biżżejjed jekk tiggarantixxi dħul għall-inqas ekwivalenti għal:

(a) l-allowance li l-persuna kkonċernata tirċievi f'każ li tieqaf temporanjament mill-attivitajiet tagħha għal raġunijiet marbuta mal-istat ta' saħħa tagħha u/jew;

(b) it-telf medju ta' dħul jew ta' profitt fir-rigward ta' perijodu preċedenti komparabbli, suġġett għal kwalunkwe limitu stabbilit bil-liġi nazzjonali u/jew;

(c) kull allowance oħra relatata mal-familja stabbilita bil-liġi nazzjonali, suġġetta għal kwalunkwe limitu stabbilit bil-liġi nazzjonali.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li nisa li jaħdmu għal rashom u konjuġi u life partners nisa msemmijin fl-Artikolu 2 ikollhom aċċess għal kwalunkwe servizz eżistenti li jipprovdi sostituzzjonijiet temporanji jew għal kwalunkwe servizz soċjali nazzjonali eżistenti. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-aċċess għal dawk is-servizzi jkun alternattiva għal jew parti mill-allowance msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 9*

**Difiża tad-drittijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi, inkluż, fejn l-Istati Membri jqisu li jkun xieraq, proċeduri ta' konċiljazzjoni, għall-infurzar tal-obbligi taħt din id-Direttiva huma disponibbli għall-persuni kollha li jqisu li ġarrbu xi telf jew ħsara minħabba li l-prinċipju ta' trattament ugwali ma ġiex applikat għalihom, anke wara li ntemmet ir-relazzjoni li fiha d-diskriminazzjoni hija allegata li saret.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra li għandhom, f'konformità mal-kriterji stabbiliti bil-liġi nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jiżguraw li din id-Direttiva tiġi osservata, jistgħu jidħlu, f'isem jew b'appoġġ għal min jagħmel l-ilment, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, f'kull proċediment ġudizzjarju jew amministrattiv previst għall-infurzar tal-obbligi taħt din id-Direttiva.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali dwar limiti ta' żmien biex issir azzjoni relatata mal-prinċipju ta' trattament ugwali.

*Artikolu 10*

**Kumpens jew riparazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jintroduċu tali miżuri fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom li huma meħtieġa biex jiżguraw kumpens jew riparazzjoni reali u effettivi, kif l-Istati Membri hekk jiddeterminaw, għat-telf jew il-ħsara mġarrbin minn persuna minħabba diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, b'mod li tali kumpens jew riparazzjoni tkun dissważivi u proporzjonati għat-telf jew il-ħsara mġarrbin. Tali kumpens jew riparazzjoni m'għandhomx ikunu limitati mill-iffissar ta' limitu ogħla preċedenti.

*Artikolu 11*

**Korpi ta' ugwaljanza**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-korp jew korpi maħtura skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/54/KE jkunu wkoll kompetenti għall-promozzjoni, l-analiżi, il-monitoraġġ u l-appoġġ ta' trattament ugwali tal-persuni kollha koperti minn din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kompiti tal-korpi msemmijin fil-paragrafu 1 jinkludu:

(a) l-għoti ta' assistenza indipendenti lil vittmi ta' diskriminazzjoni li jressqu l-ilmenti ta' diskriminazzjoni tagħhom, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' vittmi u assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u entitajiet legali oħra msemmijin fl-Artikolu 9(2);

(b) it-twettiq ta' stħarriġ indipendenti dwar id-diskriminazzjoni;

(c) il-pubblikazzjoni ta' rapporti indipendenti u l-għoti ta' rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni relatata ma' tali diskriminazzjoni;

(d) l-iskambju, fil-livell adatt, ta' informazzjoni disponibbli mal-korpi korrispondenti Ewropej, bħall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

*Artikolu 12*

**Integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sess**

L-Istati Membri għandhom jieħdu kont b'mod attiv tal-objettiv tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa meta jfasslu u jimplimentaw liġijiet, regolamenti, dispożizzjonijiet amministrattivi, linji politiċi u attivitajiet fl-oqsma msemmijin f'din id-Direttiva.

*Artikolu 13*

**Disseminazzjoni ta' informazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet rilevanti li huma diġà fis-seħħ, jinġiebu permezz tal-mezzi kollha adatti għall-attenzjoni tal-persuni kkonċernati fit-territorju kollu tagħhom.

*Artikolu 14*

**Livell ta' protezzjoni**

L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għall-protezzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandha taħt l-ebda ċirkostanza tikkostitwixxi raġuni għal tnaqqis fil-livell ta' protezzjoni mid-diskriminazzjoni diġà applikat mill-Istati Membri fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.

*Artikolu 15*

**Rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kummissjoni sal-5 ta' Awwissu 2015.

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fil-qosor biex jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard mill-5 ta' Awwissu 2016. Dak ir-rapport għandu jieħu kont ta' kwalunkwe bidla legali li tikkonċerna t-tul ta' żmien tal-leave tal-maternità għall-impjegati. Fejn ikun il-każ, dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti biex tiġi emendata din id-Direttiva.

2. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jieħu kont tal-opinjonijiet tal-partijiet interessati.

*Artikolu 16*

**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-5 ta' Awwissu 2012. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. Fejn ikun ġustifikat minn diffikultajiet partikolari, l-Istati Membri jistgħu, jekk ikun meħtieġ, ikollhom perijodu addizzjonali ta' sentejn sal-5 ta' Awwissu 2014 sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 7, u sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 8 firrigward tal-konjuġi u l-life partners nisa msemmijin fl-Artikolu 2(b).

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 17*

**Tħassir**

Id-Direttiva 86/613/KEE għandha titħassar b'effett mill-5 ta' Awwissu 2012.

Ir-referenzi magħmula għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi magħmula għal din id-Direttiva.

*Article 18*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 19*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, is-7 ta' Lulju 2010

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE, EURATOM) Nru 617/2010

**tal-24 ta' Ġunju 2010**

**dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 736/96**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 337 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-ksib ta' stampa ġenerali tal-iżvilupp tal-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") huwa essenzjali għall-Kummissjoni biex twettaq il-kompiti tagħha fil-qasam tal-enerġija. Id-disponibbiltà ta' data u informazzjoni regolari u aġġornati għandhom jippermettu lill-Kummissjoni li twettaq il-paraguni u l-evalwazzjonijiet meħtieġa jew li tipproponi l-miżuri rilevanti abbażi ta' ċifri u analiżi adatti, b'mod partikolari rigward il-bilanċ futur bejn il-provvista u d-domanda tal-enerġija.

(2) Ix-xenarju tal-enerġija fl-Unjoni u lil hinn minnha nbidel b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin u b'hekk l-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija huwa kwistjoni kruċjali biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, għall-funzjonament tas-suq intern u għat-transizzjoni lejn sistema ta' emissjonijiet baxxi tal-karbonju li bdiet tagħmel l-Unjoni.

(3) Il-kuntest il-ġdid tal-enerġija jesiġi investiment sinifikanti fit-tipi kollha ta' infrastrutturi fis-setturi kollha tal-enerġija kif ukoll li l-iżvilupp ta' tipi ġodda ta' infrastruttura u teknoloġiji ġodda jiġi adottat mis-suq. Il-liberalizzazzjoni tas-settur tal-enerġija u aktar integrazzjoni tas-suq intern jagħtu rwol aktar prominenti lill-operaturi ekonomiċi għall-investiment. Fl-istess waqt, rekwiżiti politiċi ġodda bħal pereżempju miri li jaffettwaw it-taħlita tal-karburanti ser ibiddlu l-politiki tal-Istati Membri favur infrastruttura tal-enerġija ġdida u/jew modernizzata.

(4) F'dan il-kuntest, l-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni għandu jingħata aktar attenzjoni, b'mod partikolari bl-għan li jiġu antiċipati l-problemi, jiġu promossi l-aħjar prattiki u tiġi stabbilita aktar trasparenza fl-iżvilupp futur tas-sistema tal-enerġija fl-Unjoni.

(5) Il-Kummissjoni u b'mod partikolari l-Osservatorju tas-Suq għall-Enerġija tagħha għandhom għalhekk ikollhom data u informazzjoni preċiżi dwar il-proġetti ta' investiment, inkluż id-dekummissjonar, fil-komponenti l-aktar sinifikanti tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni.

(6) Id-data u l-informazzjoni dwar l-iżviluppi prevedibbli fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni, it-trasmissjoni u l-ħżin fid-diversi setturi tal-enerġija huma ta' interess għall-Unjoni u importanti għall-investiment futur. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata dwar il-proġetti ta' investiment fejn inbdiet ħidma dwar il-kostruzzjoni u d-dekummissjonar jew fejn ittieħdet deċiżjoni finali dwar l-investiment.

(7) Skont l-Artikoli 41 u 42 tat-Trattat Euratom, l-impriżi huma obbligati li jinnotifikaw il-proġetti ta' investiment tagħhom. Jeħtieġ li tali informazzjoni tkun issupplimentata, b'mod partikolari, b'rappurtar regolari dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' investiment. Tali rappurtar ulterjuri huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 41 sa 44 tat-Trattat Euratom.

(8) Sabiex il-Kummissjoni jkollha opinjoni konsistenti dwar l-iżviluppi futuri tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni b'mod komplessiv, huwa meħtieġ qafas armonizzat ta' rappurtar għall-proġetti ta' investiment ibbażat fuq kategoriji aġġornati għad-data u l-informazzjoni uffiċjali li għandhom jiġu trasmessi mill-Istati Membri.

(9) L-Istati Membri għandhom għal dan l-għan jinnotifikaw lill-Kummissjoni, id-data u l-informazzjoni dwar il-proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija li jikkonċernaw il-produzzjoni, il-ħżin u t-trasport taż-żejt, il-gass naturali, l-elettriċità minn sorsi rinovabbli, il-bijokarburanti u l-qbid u l-ħżin tad-dijossidu tal-karbonju ppjanati jew li qed jitwettqu fit-territorju tagħhom, inklużi l-interkonnessjonijiet ma' pajjiżi terzi. L-impriżi kkonċernati għandhom ikunu obbligati jinnotifikaw lill-Istat Membru d-data u l-informazzjoni inkwistjoni.

(10) Meta jitqies iż-żmien li jkun previst għall-proġetti ta' investiment fis-settur tal-enerġija, rappurtar kull sentejn għandu jkun suffiċjenti.

(11) Bl-għan li jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat u jitnaqqsu l-ispejjeż għall-Istati Membri u l-impriżi b'mod partikolari għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju, dan ir-Regolament għandu jagħti l-possibbiltà li l-Istati Membri u l-impriżi jiġu eżentati mill-obbligi tar-rappurtar sakemm informazzjoni ekwivalenti tiġi pprovduta lill-Kummissjoni skont atti legali speċifiċi għas-settur tal-enerġija, adottata mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u bl-għan li jintlaħqu l-objettivi ta' swieq tal-enerġija fl-Unjoni li jkunu kompetittivi, ta' sistema tal-enerġija tal-Unjoni li tkun sostenibbli u ta' sigurtà tal-provvista tal-enerġija għall-Unjoni. Għalhekk, kwalunkwe duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar fit-tielet pakkett tas-suq intern dwar l-elettriċità u l-gass naturali għandha tiġi evitata.

(12) Għall-ipproċessar tad-data kif ukoll sabiex in-notifika tad-data tiġi ssimplifikata u tkun sigura, il-Kummissjoni u b'mod partikolari l-Osservatorju tas-Suq għall-Enerġija għandhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għal dan l-għan, b'mod partikolari t-tħaddim ta' għodod tal-IT u l-proċeduri integrati.

(13) Il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-Istati Membri hija rregolata bid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], filwaqt li l-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-Kummissjoni hija rregolata bir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]. Dan ir-Regolament iħalli dawn id-dispożizzjonijiet intatti.

(14) L-Istati Membri, jew l-entitajiet delegati tagħhom, u l-Kummissjoni għandhom jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' data u informazzjoni kummerċjalment sensittivi. Għalhekk, l-Istati Membri jew l-entitajiet delegati tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' data u informazzjoni relatati ma' proġetti ta' trasmissjoni transkonfinali, għandhom jiġbru tali data u informazzjoni fil-livell nazzjonali qabel ma jippreżentawhom lill-Kummissjoni. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tkompli tiġbor din id-data b'tali mod li ma jinkixef jew ma jkun jista' jiġi inferit l-ebda dettal dwar impriżi u installazzjonijiet individwali.

(15) Il-Kummissjoni u b'mod partikolari l-Osservatorju tas-Suq għall-Enerġija tagħha għandhom jipprovdu analiżi regolari u transsettorjali tal-evoluzzjoni strutturali u l-perspettivi tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni u, fejn adatt, analiżi aktar iffokata fuq ċerti aspetti ta' din is-sistema tal-enerġija. Din l-analiżi għandha b'mod partikolari tikkontribwixxi sabiex tidentifika n-nuqqasijiet li jista' jkun hemm fl-infrastruttura u l-investiment sabiex ikun jista' jintlaħaq bilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-enerġija. L-analiżi għandha wkoll tifforma kontribut għal diskussjoni fil-livell tal-Unjoni dwar l-infrastrutturi tal-enerġija u għandha għalhekk tiġi mgħoddija lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u ssir disponibbli għall-partijiet interessati.

(16) Il-Kummissjoni tista' tkun assisstita minn esperti mill-Istati Membri jew kwalunkwe espert ieħor kompetenti, bl-għan li jiġi żviluppat fehim komuni ta' distakki potenzjali tal-infrastruttura u riskji assoċjati u titrawwem it-trasparenza rigward l-iżviluppi futuri.

(17) Waqt li jibnu sa fejn possibbli fuq il-format ta' notifika użat skont ir-Regolament tal- Kummissjoni (KE) Nru 2386/96 [3] li japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 736/96 tat-22 ta' April 1996 dwar in-notifikar lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment ta' interess għall-Komunità fis-setturi taż-żejt, gass naturali u elettriċità [4], u wara l-konsultazzjoni tal-esperti nazzjonali, il-miżuri tekniċi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

(18) Minħabba l-emendi meħtieġa sabiex l-isfidi tal-enerġija tal-lum jiġu adattati u għall-fini taċ-ċarezza, ir-Regolament (KE) Nru 736/96 għandu jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid,

(1) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(2) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(3) ĠU L 326, 17.12.1996, p. 13.

(4) ĠU L 102, 25.4.1996, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u ambitu**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għan-notifika lill-Kummissjon ta' data u informazzjoni dwar proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fis-setturi taż-żejt, tal-gass naturali, tal-elettriċità, inkluż elettriċità minn sorsi rinovabbli, u tal-bijokarburanti, u dwar proġetti ta' investiment relatati mal-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju li dawn is-setturi jipproduċu.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-proġetti ta' investiment tat-tipi elenkati fl-Anness li fuqhom inbdiet ħidma ta' kostruzzjoni jew dekummissjonar jew li fuqhom ittieħdet deċiżjoni finali dwar l-investiment.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw kwalunkwe data stimata jew informazzjoni preliminari dwar proġetti ta' investiment tat-tipi elenkati fl-Anness li fuqhom il-ħidma ta' kostruzzjoni hija skedata li tibda fi żmien ħames snin u għal dawk li huma skedati għad-dekummissjonar fi żmien tliet snin, iżda li deċiżjoni finali ta' investiment għadha ma tteħditx dwarhom.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "infrastruttura" tfisser kwalunkwe tip ta' installazzjoni jew parti ta' installazzjoni relatata mal-produzzjoni, it-trasmissjoni u l-ħżin;

(2) "proġetti ta' investiment" tfisser proġetti bl-għan li:

(i) jibnu infrastruttura ġdida;

(ii) jibdlu, jimmodernizzaw, iżidu jew inaqqsu l-kapaċitajiet ta' infrastrutturi eżistenti;

(iii) dekummissjonar parzjali jew totali tal-infrastruttura eżistenti;

(3) "deċiżjoni finali dwar l-investiment" tfisser id-deċiżjoni meħuda fil-livell ta' impriża biex b'mod definittiv il-fondi jiġu assenjati għall-fażi ta' investiment tal-proġett, bil-fażi ta' investiment li tfisser il-fażi li matulha sseħħ il-kostruzzjoni jew id-dekummissjonar u jiġġarbu l-ispejjeż kapitali. Il-fażi ta' investiment teskludi l-fażi tal-ippjanar, li matulha tithejja l-implimentazzjoni tal-proġett u li tinkludi, fejn ikun il-każ, valutazzjoni tal-fattibbiltà, studji preparatorji u tekniċi, il-ksib ta' liċenzji u awtorizzazzjonijiet u t-tiġrib tal-ispejjeż kapitali;

(4) "proġetti ta' investiment taħt kostruzzjoni" tfisser proġetti ta' investiment li l-kostruzzjoni tagħhom bdiet u l-ispejjeż kapitali ġġarrbu;

(5) "dekummissjonar" tfisser il-fażi fejn it-tħaddim tal-infrastruttura jitwaqqaf b'mod permanenti;

(6) "produzzjoni" tfisser il-ġenerazzjoni tal-elettriċità u l-ipproċessar tal-karburanti, inklużi l-bijokarburanti;

(7) "trasmissjoni" tfisser it-trasport tas-sorsi tal-enerġija jew tal-prodotti jew tad-diossidu tal-karbonju, permezz ta' netwerk, b'mod partikolari:

(i) permezz ta' sistemi ta' pajpijiet, għajr in-netwerk upstream tas-sistemi tal-pajpijiet u għajr dik il-parti tas-sistemi tal-pajpijiet li primarjament tintuża fil-kuntest tad-distribuzzjoni lokali; jew

(ii) permezz ta' sistemi interkonnessi ta' vultaġġ għoli ħafna u vultaġġ għoli u sistemi oħra għajr is-sistemi tal-pajpijiet li primarjament jintużaw fil-kuntest tad-distribuzzjoni lokali;

(8) "ħżin" tfisser l-istokkjar fuq bażi permanenti jew temporanja ta' enerġija jew ta' sorsi tal-enerġija f'infrastruttura 'l fuq mill-art jew taħt l-art jew f'siti ġeoloġiċi jew il-konteniment tad-diossidu tal-karbonju f'formazzjonijiet ġeoloġiċi taħt l-art;

(9) "impriża" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew legali privata jew pubblika, li tiddeċiedi dwar jew li timplimenta l-proġetti;

(10) "sorsi tal-enerġija" tfisser:

(i) sorsi primarji tal-enerġija, bħaż-żejt, il-gass naturali jew il-faħam;

(ii) sorsi tal-enerġija mibdula, bħall-elettriċità;

(iii) sorsi tal-enerġija rinovabbli inklużi l-idroelettriċità, il-bijomassa, il-bijogass, ir-riħ, l-enerġija mix-xemx, dik mill-mewġ u dik ġeotermali; u

(iv) prodotti tal-enerġija, bħall-prodotti taż-żejt raffinat u l-bijokarburanti;

(11) "korp speċifiku" tfisser korp inkarigat minn kwalunkwe att legali speċifiku għas-settur tal-enerġija bit-tħejjija u l-adozzjoni tal-iżvilupp ta' netwerk pluriennali fl-Unjoni kollha u pjanijiet ta' investiment fl-infrastrutturi tal-enerġija, bħan-netwerk Ewropew tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għall-elettriċità ("ENTSO-E") imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-iskambji transkonfinali tal-elettriċità ([1]) u n-netwerk Ewropew għall-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għall-gass ("ENTSO-G") imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trasmissjoni tal-gass naturali ([2]).

*Artikolu 3*

**Notifika tad-data**

1. Filwaqt li jżommu piż proporzjonat tal-ġbir u r-rappurtar tad-data, l-Istati Membri jew l-entitajiet li lilhom ikunu ddelegaw dan il-kompitu għandhom jikkompilaw id-data u l-informazzjoni kollha speċifikati f'dan ir-Regolament mill-1 ta' Jannar 2011 u minn dakinhar 'il quddiem kull sentejn.

Huma għandhom jinnotifikaw id-data aggregata u l-informazzjoni rilevanti għall-proġett speċifikati f'dan ir-Regolament lill-Kummissjoni fl-2011, fejn dik is-sena tkun l-ewwel sena ta' rappurtar, u minn dakinhar 'il quddiem kull sentejn. Din in-notifika għandha ssir f'forma aggregata, ħlief għad-data u l-informazzjoni rilevanti dwar proġetti ta' trasmissjoni transkonfinali.

L-Istati Membri jew l-entitajiet delegati tagħhom għandhom jinnotifikaw id-data aggregata u l-informazzjoni rilevanti għall-proġett sal-31 ta' Lulju tas-sena ta' rappurtar ikkonċernata.

2. L-Istati Membri jew l-entitajiet delegati tagħhom huma eżenti mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1, dment li, u sal-punt li, skont il-liġi tal-Unjoni speċifika għas-settur tal-enerġija jew skont it-Trattat Euratom:

(a) l-Istat Membru kkonċernat jew l-entità delegata tiegħu diġà jkun/tkun innotifika/t lill-Kummissjoni d-data jew l-informazzjoni ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u indika/t id-data tan-notifika u l-att ta' liġi speċifika kkonċernat;

(b) korp speċifiku jkun inkarigat bit-tħejjija ta' pjan ta' investiment pluriennali fl-infrastruttura tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni u għal dan l-għan jikkompila data u informazzjoni ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. F'dan il-każ u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-korp speċifiku għandu jinnotifika d-data u l-informazzjoni rilevanti kollha lill-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

**Sorsi tad-data**

L-impriżi kkonċernati għandhom jinnotifikaw id-data jew l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 lill-Istati Membri, jew lill-entitajiet delegati tagħhom, fejn qed jippjanaw li jwettqu proġetti ta' investiment fit-territorju tagħhom qabel l-1 ta' Ġunju ta' kull sena ta' rappurtar. Id-data jew l-informazzjoni nnotifikata għandha tirrifletti s-sitwazzjoni tal-proġetti ta' investiment sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' rappurtar relevanti.

L-ewwel paragrafu ma għandux japplika għall-impriżi fejn l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li juża mezzi oħra biex jipprovdi lill-Kummissjoni bid-data jew l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3.

*Artikolu 5*

**Kontenut tan-notifika**

1. Fir-rigward tal-proġetti ta' investiment tat-tipi elenkati fl-Anness, in-notifika prevista fl-Artikolu 3 għandha tindika fejn adatt:

(a) il-volum tal-kapaċitajiet ippjanati jew li qed jinbnew;

(b) it-tip u l-karatterisitiċi ewlenin tal-infrastruttura jew tal-kapaċitajiet ippjanati jew li qed jinbnew, inkluż il-post tal-proġetti ta' trasmissjoni transkonfinali, jekk applikabbli;

(c) is-sena probabbli tal-kummissjonar;

(d) it-tip ta' sorsi ta' enerġija użat;

(e) l-installazzjonijiet li huma kapaċi jirrispondu għall-kriżijiet ta' sigurtà tal-provvista, bħat-tagħmir li jippermetti l-flussi opposti jew il-qlib minn karburant għall-ieħor; u

([1]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 15.
([2]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36.

(f) it-tagħmir tas-sistemi tal-qbid tal-karbonju jew mekkaniżmi ta' installazzjoni għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe dekummissjonar propost ta' kapaċitajiet, in-notifika prevista fl-Artikolu 3 għandha tindika:

(a) in-natura u l-kapaċità tal-infrastruttura kkonċernata; u

(b) is-sena probabbli tad-dekummissjonar.

3. Kwalunkwe notifika skont l-Artikolu 3 għandha tinkludi fejn adatt il-volum totali tal-kapaċitajiet installati tal-produzzjoni, it-trasmissjoni u l-ħżin li jkunu fis-seħħ fil-bidu tas-sena ta' rappurtar ikkonċernata jew li l-operazzjoni tagħhom tiġi interrotta għal perijodu li jeċċedi t-tliet snin.

L-Istati Membri, l-entitajiet delegati tagħhom jew il-korp speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(b) jistgħu jżidu man-notifiki tagħhom kummenti rilevanti, bħal kummenti dwar dewmien jew ostakli għall-implimentazzjoni tal-proġetti ta' investiment.

*Artikolu 6*

**Kwalità u pubbliċità tad-data**

1. L-Istati Membri, l-entitajiet delegati tagħhom jew, fejn adatt, il-korpi speċifiċi għandhom ikollhom l-għan li jiżguraw il-kwalità, ir-rilevanza, l-akkuratezza, iċ-ċarezza, il-puntwalità u l-koerenza tad-data u l-informazzjoni li jinnotifikaw lill-Kummissjoni.

F'każ ta' korpi speċifiċi, id-data u l-informazzjoni nnotifikati jistgħu jkunu akkumpanjati b'kummenti mill-Istati Membri.

2. Il-Kummissjoni tista' tippubblika data u informazzjoni ppreżentati skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-analiżijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3), sakemm id-data u l-informazzjoni jiġu ppubblikati f'forma aggregata u ma jinkixef jew ma jkun jista' jiġi inferit l-ebda dettall dwar impriżi u installazzjonijiet individwali.

3. L-Istati Membri, il-Kummissjoni, jew l-entitajiet delegati tagħhom għandhom kull wieħed minnhom iħarsu l-kunfidenzjalità ta' data u informazzjoni kummerċjalment sensittivi filpussess tagħhom.

*Artikolu 7*

**Dispożizzjonijiet implimentattivi**

Fil-limiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta, sal-31 ta' Ottubru 2010, id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, rigward il-forma u dettalji tekniċi oħra tan-notifika tad-data u l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 3 u 5.

*Artikolu 8*

**Ipproċessar tad-data**

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, l-ilqugħ, il-ġestjoni u l-manutenzjoni tar-riżorsi tal-IT meħtieġa biex jiġi riċevut, jinħażen u jitwettaq kwalunkwe pproċessar tad-data jew informazzjoni dwar l-infrastruttura tal-enerġija nnotifikati lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 9*

**Protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data**

Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, ma jbiddilx l-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali, kif stipulat bid-Direttiva 95/46/KE, jew l-obbligi li huma d-dmir tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 fir-rigward tad-data personali li huma jipproċessaw tul it-twettiq ta' dmirijiethom.

*Artikolu 10*

**Monitoraġġ u rappurtar**

1. Abbażi tad-data u l-informazzjoni ppreżentati u, jekk ikun adatt, ta' kwalunkwe sors ta' data ieħor inkluż ix-xiri tad-data mill-Kummissjoni, u b'kont meħud tal-analiżijiet rilevanti bħall-pjanijiet pluriennali ta' żvilupp ta' netwerk għall-gass u l-elettriċità, il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u għandha tippubblika kull sentejn analiżi transsettorjali tal-evoluzzjoni strutturali u l-perspettivi tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni. Din l-analiżi għandu jkollha l-għan b'mod partikolari li:

(a) tidentifika nuqqasijiet futuri potenzjali bejn il-provvista u d-domanda tal-enerġija li huma sinifikanti minn perspettiva ta' politika tal-enerġija tal-Unjoni;

(b) tidentifika ostakoli għall-investiment u tippromwovi l-aħjar prattiki biex tindirizzahom; u

(c) iżżid it-trasparenza għall-parteċipanti fis-suq u dawk li potenzjalment jidħlu fis-suq.

Abbażi ta' din id-data u l-informazzjoni, il-Kummissjoni tista' tipprovdi wkoll kwalunkwe analiżi speċifika meqjusa meħtieġa u adatta.

2. Fit-tħejjija tal-analiżijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tiġi megħjuna minn esperti mill-Istati Membri u/jew kwalunkwe espert, assoċjazzjonijiet professjonali oħra b'kompetenza speċifika fil-qasam ikkonċernat.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri kollha b'opprotunità li jikkummentaw dwar l-abbozz ta' analiżijiet.

3. Il-Kummissjoni għandha tiddiskuti l-analiżijiet mal-partijiet interessati, bħall-ENTSO-E, l-ENTSO-G, il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass u l-Grupp ta' Provvista taż-Żejt.

*Artikolu 11*

**Reviżjoni**

Sat-23 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u tippreżenta rapport dwar ir-riżultati ta' din ir-reviżjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha, inter alia, teżamina l-estensjoni possibbli tal-ambitu biex jinkludi l-estrazzjoni tal-gass, iż-żejt u l-faħam.

*Artikolu 12*

**Tħassir**

Ir-Regolament (KE) Nru 736/96 għandu jiġi mħassar.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BLANCO LÓPEZ

*ANNESS*

## PROĠETTI TA’ INVESTIMENT

1. ŻEJT

1.1. Raffinar

— impjanti tad-distillazzjoni b’kapaċità ta’ mhux anqas minn miljun tunnellata fis-sena;

— estensjoni tal-kapaċità tad-distillar għal aktar minn miljun tunnellata fis-sena;

— impjanti ta’ cracking/iffurmar mill-ġdid b’kapaċità minima ta’ 500 tunnellata kuljum;

— impjanti ta’ desulfurizzazzjoni għal residwi ta’ żejt tal-karburant/nafta/materja prima/prodotti oħra tal-pitrolju.

Impjanti kimiċi li ma jipproduċux żejt tal-karburant u/jew karburanti tal-magni, jew li jipproduċuhom biss bħala prodotti sekondarji, huma esklużi.

1.2. Trasport

— sistemi ta’ pajpijiet taż-żejt mhux raffinat b’kapaċità ta’ mhux anqas minn 3 miljun tunnellata metrika fis-sena u l-estensjoni jew it-titwil ta’ dawn is-sistemi ta’ pajpijiet, li huma twal tal-anqas 30 kilometru;

— sistemi ta’ pajpijiet tal-prodotti tal-pitrolju b’kapaċità ta’ mhux anqas minn 1,5 miljun tunnellata fis-sena, u l-estensjoni jew it-titwil ta’ dawn is-sistemi ta’ pajpijiet, li huma twal tal-anqas 30 kilometru;

— sistemi ta’ pajpijiet li jikkostitwixxu konnessjonijiet essenzjali f’netwerks ta’ interkonnessjoni nazzjonali jew internazzjonali u sistemi ta’ pajpijiet u proġetti ta’ interess komuni identifikati fil-linji gwida stabbiliti skont l-Artikolu 171 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (“TFUE”) ([1]).

Sistemi ta’ pajpijiet għal skopijiet militari u dawk li jfornu lill-impjanti li ma jaqgħux fl-ambitu tal-punt 1.1 huma esklużi.

1.3. Ħżin

— installazzjonijiet ta’ ħżin għaż-żejt mhux raffinat u prodotti tal-pitrolju (installazzjonijiet b’kapaċità ta’ 150 000 $m^3$ jew aktar jew, fil-każ ta’ tankijiet, b’kapaċità ta’ mhux anqas minn 100 000 $m^3$).

Tankijiet maħsubin għal skopijiet militari u dawk li jfornu lill-impjanti li ma jaqgħux fl-ambitu tal-punt 1.1. huma esklużi.

2. GASS

2.1. Trasmissjoni

— gass, inklużi gass naturali u bijogass, sistemi ta’ pajpijiet għat-trasport li jifformaw parti minn netwerk li prinċipalment fih sistemi ta’ pajpijiet bi pressjoni għolja, esklużi sistemi ta’ pajpijiet li jifformaw parti minn netwerk ta’ sistemi ta’ pajpijiet upstream u eskluża l-parti ta’ sistemi ta’ pajpijiet bi pressjoni għolja primarjament użati fil-kuntest tad-distribuzzjoni lokali tal-gass naturali;

— sistemi ta’ pajpijiet u proġetti ta’ interess komuni identifikati fil-linji gwida stabbiliti skont l-Artikolu 171 TFUE ([2]).

2.2. Terminali LNG

— terminali għall-importazzjoni tal-gass naturali likwifikat, b’kapaċità ta’ rigassifikazzjoni ta’ biljun $m^3$ fis-sena jew aktar.

2.3. Ħżin

— installazzjonijiet tal-ħżin imqabbda mas-sistemi ta’ pajpijiet imsemmija fil-punt 2.1.

Sistemi ta’ pajpijiet tal-gass, terminali u installazzjonijiet għal skopijiet militari u dawk li jfornu lill-impjanti kimiċi li ma jipproduċux prodotti tal-enerġija, jew li jipproduċuhom biss bħala prodotti sekondarji, huma esklużi.

3. ELETTRIĊITÀ

3.1. Produzzjoni

— impjanti tal-enerġija termali u nukleari (ġeneraturi b’ kapaċità ta’ 100 MWe jew aktar);

— installazzjonijiet ta’ ġenerazzjoni tal-enerġija mill-bijomassa/bijolikwidi/skart (b’kapaċità ta’ 20 MW jew aktar);

---

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Settembru 2006 li tistabbilixxi linji gwida għal networks tal-enerġija trans-Ewropej (ĠU L 262, 22.9.2006, p. 1) ġiet adottata skont l-Artikolu 155 tat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea.

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE ġiet adottata taħt l-Artikolu 155 tat-Trattat KE.

— impjanti tal-enerġija b'koġenereazzjoni ta' elettriċità u sħana utli (installazzjonijiet b'kapaċità elettrika ta' 20 MW jew aktar);

— impjanti tal-enerġija idroelettrika (installazzjonijiet li għandhom kapaċità ta' 30 MW jew aktar);

— farms tal-enerġija mir-riħ b'kapaċità ta' 20 MW jew aktar;

— installazzjonijiet tal-enerġija termali mix-xemx u ġeotermali kkonċentrati (b'kapaċità ta' 20 MW jew aktar);

— installazzjonijiet fotovoltajċi (b'kapaċità ta' 10 MW jew aktar).

3.2. Trasmissjoni

— linji tat-trasmissjoni 'l fuq mil-livell tat-triq, jekk dawn ikunu ġew iddisinjati għal vultaġġ użat ġeneralment fil-livell nazzjonali għal-linji ta' interkonnessjoni, u dment li dawn ikunu ġew iddisinjati għal vultaġġ ta 220 kV jew aktar;

— kejbils ta' trasmissjoni ta' taħt l-art jew ta' taħt il-baħar, jekk dawn ikunu ġew iddisinjati għal vultaġġ ta' 150 kV jew aktar;

— proġetti ta' interess komuni identifikati fil-linji gwida stabbiliti skont l-Artikolu 171 TFUE ([1]).

4. BIJOKARBURANT

4.1. Produzzjoni

— installazzjonijiet li kapaċi jipproduċu jew jirfinaw il-bijokarburanti (Installazzjonijiet b'kapaċità ta' 50 000 tunnellata fis-sena jew aktar).

5. DIJOSSIDU TAL-KARBONJU

5.1. Trasport

— sistemi ta' pajpijiet tas-$CO_2$ relatati mal-produzzjoni tal-installazzjonijiet imsemmija fil-punti 1.1. u 3.1.

5.2. Ħżin

— installazzjonijiet tal-ħżin (sit tal-ħżin jew kumpless b'kapaċità ta' 100 kt jew aktar).

Installazzjonijiet tal-ħżin maħsuba għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku huma esklużi.

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE ġiet adottata taħt l-Artikolu 155 tat-Trattat KE.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 618/2010

## tal-14 ta’ Lulju 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta’ Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [2], u b’mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-15 ta’ Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta’ Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 38,5 |
| | TR | 85,9 |
| | ZZ | 62,2 |
| 0707 00 05 | TR | 108,5 |
| | ZZ | 108,5 |
| 0709 90 70 | TR | 99,9 |
| | ZZ | 99,9 |
| 0805 50 10 | AR | 80,8 |
| | TR | 111,6 |
| | UY | 74,4 |
| | ZA | 83,6 |
| | ZZ | 87,6 |
| 0808 10 80 | AR | 110,8 |
| | BR | 71,3 |
| | CA | 119,1 |
| | CL | 96,5 |
| | CN | 57,9 |
| | NZ | 111,5 |
| | US | 115,5 |
| | UY | 116,3 |
| | ZA | 98,1 |
| | ZZ | 99,7 |
| 0808 20 50 | AR | 123,5 |
| | CL | 130,6 |
| | NZ | 141,4 |
| | ZA | 99,9 |
| | ZZ | 123,9 |
| 0809 10 00 | TR | 197,6 |
| | ZZ | 197,6 |
| 0809 20 95 | TR | 273,5 |
| | US | 509,9 |
| | ZZ | 391,7 |
| 0809 30 | AR | 130,0 |
| | TR | 148,9 |
| | ZZ | 139,5 |
| 0809 40 05 | IL | 164,9 |
| | TR | 141,2 |
| | ZZ | 153,1 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 619/2010

## tal-14 ta' Lulju 2010

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 616/2010 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 179, 14.7.2010, p. 6.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-15 ta’ Lulju 2010**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 41,21 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 41,21 | 2,54 |
| 1701 12 10 (1) | 41,21 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 41,21 | 2,24 |
| 1701 91 00 (2) | 47,57 | 3,20 |
| 1701 99 10 (2) | 47,57 | 0,07 |
| 1701 99 90 (2) | 47,57 | 0,07 |
| 1702 90 95 (3) | 0,48 | 0,23 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 620/2010

## tal-14 ta' Lulju 2010

## dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti natul l-ewwel sebat ijien tax-xahar ta' Lulju 2010 fil-qafas tal-kwoti tariffarji stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 tal-4 ta' Ġunju 2007 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur.

(2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti natul l-ewwel sebat ijien tax-xahar ta' Lulju 2010 għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2010 huma, għal ċerti kwoti, ogħla mill-kwantitajiet disponibbli. Jeħtieġ għalhekk li jiġi determinat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti skont ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2010 huma assenjati skont ilkoeffiċjenti tal-allokazzjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
[3] ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3.

*ANNESS*

| Nru tal-grupp | Numru tas-serje | Koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għas-subperjodu 1.10.2010-31.12.2010 (%) |
|---|---|---|
| 1 | 09.4211 | 0,400612 |
| 5 | 09.4215 | 0,378838 |
| 6 | 09.4216 | 7,14204 |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-8 ta' Lulju 2010**

**li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tar-rikonoxximent tal-Litwanja u r-reġjun tal-Molise fl-Italja bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*) u li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' ċerti reġjuni amministrattivi tal-Italja bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi bovina, mill-bruċellosi bovina u l-lewkosi bovina enzootika**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4592)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/391/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Anness A(I)(4), l-Anness A(II)(7) u l-Anness D(I)(E) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-nagħaġ u tal-mogħoż [2], u b'mod partikolari t-Taqsima II tal-Kapitolu 1 tal-Anness A tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tiddefinixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ tal-annimali ovini u kaprini fl-Unjoni. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom l-Istati Membri jew ir-reġjuni fi ħdanhom għandhom jitqiesu bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tieħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċellosi (*B. melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda [3] telenka, fl-Annessi tagħha, l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom li huma meqjusa bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*) skont id-Direttiva 91/68/KEE.

(3) Il-Litwanja ressqet quddiem il-Kummissjoni dokumentazzjoni b'xhieda tal-konformità mal-kundizzjoijiet xierqa stabbiliti mid-Direttiva 91/68/KEE biex b'hekk titqies bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*) fir-rigward tat-territorju kollu tagħha. Dak l-Istat Membru għandu għaldaqstant jitqies bħala uffiċjalment ħieles minn dik il-marda. L-Anness I tad-Deċiżjoni 93/52/KEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(4) L-Italja ressqet quddiem il-Kummissjoni dokumentazzjoni b'xhieda tal-konformità mal-kundizzjonijiet xierqa stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE rigward il-provinċji kollha tar-reġjun tal-Molise biex dan ir-reġjun ikun jista' jitqies bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellosi (*B. melitensis*). Dak ir-reġjun għandu għaldaqstant jitqies bħala uffiċjalment ħieles minn dik il-marda.

(5) L-Italja talbet ukoll li jsiru emendi għall-entrata ta' dan l-Istat Membru fil-lista tar-reġjuni tal-Istati Membri li huma meqjusa bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*) fl-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE. Id-diviżjoni amministrattiva attwali tal-Italja taqsam ir-reġjun tat-Trentino-Alto Adige f'żewġ reġjuni distinti: jiġifieri l-provinċja ta' Bolzano u l-provinċja ta' Trento. Ir-reġjun ta' Sardinja nqasam fi tmien provinċji. Barra minn hekk, billi l-provinċji kollha tar-reġjuni tal-Lombardija, il-Pjemonte, it-Toskana, Sardinja u l-Umbrija diġà tqiesu bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*), dawk ir-reġjuni għandhom jitqiesu, kollha kemm huma, bħala uffiċjalment ħielsa minn dik il-marda.

(6) L-entrata tal-Italja fl-Anness II għad-Deċiżjoni 93/52/KE għandha, għalhekk, tiġi emendata skont dan.

(7) Id-Direttiva 64/432/KEE tapplika għall-kummerċ fl-Unjoni tal-annimali bovini u l-majjali. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom Stat Membru jew parti jew reġjun minnu jista' jiġi ddikjarat uffiċjalment ħieles mit-tuberkolosi, il-bruċellosi jew il-lewkosi bovina enzootika fir-rigward ta' merħliet bovini.

[1] ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.
[2] ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19.
[3] ĠU L 13, 21.1.1993, p. 14.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-kwalifika ta' uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi, bruċellosi u lewkosi bovina enzootika ta' xi Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri rigward annimali bovini ([1]) telenka t-tali Stati Membri u reġjuni fl-Annessi I, II u III rispettivament ta' dik id-Deċiżjoni.

(9) L-Italja ressqet quddiem il-Kummissjoni dokumentazzjoni b'xhieda tal-konformità mal-kundizzjonijiet xierqa stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE fir-rigward tal-provinċji kollha tar-reġjuni tal-Lombardija u t-Toskana, u l-provinċji ta' Cagliari, Medio-Campidano, Ogliastra u Olbia-Tempio fir-reġjun ta' Sardinja biex dawn ir-reġjuni u provinċji jkunu jistgħu jiġu ddikjarati bħala reġjuni tal-Italja uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi.

(10) L-Italja ressqet quddiem il-Kummissjoni dokumentazzjoni b'xhieda tal-konformità mal-kundizzjonijiet xierqa stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE rigward il-provinċja ta' Campobasso fir-reġjun tal-Molise biex dan ir-reġjun ikun jista' jiġi ddikjarat bħala reġjun tal-Italja uffiċjalment ħieles mill-bruċellosi.

(11) L-Italja ressqet quddiem il-Kummissjoni dokumentazzjoni b'xhieda tal-konformità mal-kundizzjonijiet xierqa stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE fir-rigward tal-provinċja ta' Napli fir-reġjun tal-Campania, il-provinċja ta' Brindisi fir-Reġjun tal-Puglia u l-provinċji ta' Agrigento, Caltanissetta, Sirakuża u Trapani fir-reġjun ta' Sqallija biex dawn jiġu ddikjarati bħala reġjuni tal-Italja uffiċjalment ħielsa mil-lewkosi bovina enzootika.

(12) Wara l-valutazzjoni tad-dokumentazzjoni li tressqet mill-Italja, il-provinċja u r-reġjuni kkonċernati għandhom jiġu ddikjarati bħala reġjuni tal-Italja uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulosi, mill-bruċellosi bovina, u mil-lewkosi bovina enzootika rispettivament.

(13) L-Italja talbet ukoll li jsiru emendi għall-entrata ta' dak l-Istat Membru fil-lista tar-reġjuni tal-Istati Membri li huma meqjusa bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi, il-bruċellosi u l-lewkosi bovina enzootika fl-Annessi tad-Deċiżjoni 2003/467/KE. Id-diviżjoni amministrattiva attwali tal-Italja taqsam ir-reġjun tat-Trentino-Alto Adige f'żewġ reġjuni distinti: jiġifieri l-provinċja ta' Bolzano u l-provinċja ta' Trento.

(14) Barra minn hekk, billi l-provinċji kollha tar-reġjuni tal-Emilja-Romanja, il-Lombardija, Sardinja u l-Umbrija elenkati fil-Kapitolu 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE diġà ġew iddikjarati bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi u l-provinċji kollha tar-reġjuni tal-Emilja-Romanja, il-Lombardija, il-Marche, il-Pjemonte, it-Toskana, l-Umrbija u l-Val d'Aosta elenkati fil-Kapitolu 2 tal-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE diġà ġew iddikjarati bħala uffiċjalment ħielsa mill-lewkosi bovina enzootika, dawk ir-reġjuni għandhom jitqiesu, kollha kemm huma, bħala uffiċjalment ħielsa minn dawk il-mardiet rispettivi.

(15) L-Annessi tad-Deċiżjoni 2003/467/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(16) Id-Deċiżjonijiet 93/52/KEE u 2003/467/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(17) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi tad-Deċiżjoni 93/52/KEE huma emendati skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-Annessi tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*
John DALLI
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74.

*ANNESS I*

L-Annessi tad-Direttiva 93/52/KEE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I jeħodlu postu dan li ġej:

*"ANNESS I*

**STATI MEMBRI**

| Kodici ISO | Stat Membru |
|---|---|
| BE | Il-Belġju |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka |
| DK | Id-Danimarka |
| DE | Il-Ġermanja |
| IE | L-Irlanda |
| LT | Il-Litwanja |
| LU | Il-Lussemburgu |
| HU | L-Ungerija |
| NL | Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| AT | L-Awstrija |
| PL | Il-Polonja |
| RO | Ir-Rumanija |
| SI | Is-Slovenja |
| SK | Is-Slovakkja |
| FI | Il-Finlandja |
| SE | L-Isvezja |
| UK | Ir-Renju Unit" |

(2) Fl-Anness II, l-entrata tal-Italja jeħodilha postha dan li ġej:

"Fl-Italja:

— Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta' Pescara,

— Il-Provinċja ta' Bolzano,

— Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia,

— Ir-Reġjun tal-Lazjo: Il-Provinċji ta' Latina, Rieti, Ruma, Viterbo,

— Ir-Reġjun tal-Ligurja: Il-Provinċja ta' Savona,

— Ir-Reġjun tal-Lombardija,

— Ir-Reġjun tal-Marche,

— Ir-Reġjun tal-Molise,

— Ir-Reġjun tal-Pjemonte,

— Ir-Reġjun ta' Sardinja,

— Ir-Reġjun tat-Toskana,

— Il-Provinċja ta' Trento,

— Ir-Reġjun tal-Umbrija,

— Ir-Reġjun tal-Veneto."

*ANNESS II*

L-Annessi tad-Deċizjoni 2003/467/KE huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, il-Kapitolu 2, l-entrata tal-Italja jeħodilha postha dan li ġej:

"Fl-Italja:

— Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta' Pescara,

— Il-Provinċja ta' Bolzano,

— Ir-Reġjun ta' Emilia-Romagna,

— Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia,

— Ir-Reġjun tal-Lombardija,

— Ir-Reġjun tal-Marche: Il-Provinċja ta' Ascoli Piceno,

— Ir-Reġjun tal-Pjemonte: Il-Provinċji ta' Novara, Verbania, Vercelli,

— Ir-Reġjun ta' Sardinja: Il-Provinċja ta' Cagliari, Medio-Campidano, Ogliastra, Olbia-Tempio, Oristano,

— Ir-Reġjun tat-Toskana,

— Il-Provinċja ta' Trento,

— Ir-Reġjun tal-Veneto."

(2) Fl-Anness II, il-Kapitolu 2, l-entrata tal-Italja jeħodilha postha dan li ġej:

"Fl-Italja:

— Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta' Pescara,

— Il-Provinċja ta' Bolzano,

— Ir-Reġjun tal-Emilja-Romanja,

— Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia,

— Ir-Reġjun tal-Lazjo: Il-Provinċja ta' Rieti,

— Ir-Reġjun tal-Ligurja: Il-Provinċji ta' Imperia, Savona,

— Ir-Reġjun tal-Lombardija,

— Ir-Reġjun tal-Marche,

— Ir-Reġjun tal-Molise: Il-Provinċja ta' Campobasso,

— Ir-Reġjun tal-Pjemonte,

— Ir-Regjun tal-Puglia: Il-Provinċja ta' Brindisi,

— Ir-Reġjun ta' Sardinja,

— Ir-Reġjun tat-Toskana,

— Il-Provinċja ta' Trento,

— Ir-Reġjun tal-Umbrija,

— Ir-Reġjun tal-Veneto."

(3) Fl-Anness III, il-Kapitolu 2, l-entrata tal-Italja jeħodilha postha dan li ġej:

"Fl-Italja:

— Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta' Pescara,

— Il-Provinċja ta' Bolzano,

— Ir-Reġjun tal-Campania: Il-Provinċja ta' Napli,

— Ir-Reġjun tal-Emilja-Romanja,

— Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia,

— Ir-Reġjun tal-Lazjo: Il-Provinċji ta' Frosinone, Rieti,

— Ir-Reġjun tal-Ligurja: Il-Provinċji ta' Imperia, Savona,

— Ir-Reġjun tal-Lombardija,

— Ir-Reġjun tal-Marche,

— Ir-Reġjun tal-Molise,

— Ir-Reġjun tal-Pjemonte,

— Ir-Regjun tal-Puglia: Il-provinċja ta' Brindisi,

— Ir-Reġjun ta' Sardinja,

— Ir-Reġjun ta' Sqallija: Il-Provinċji ta' Agrigento, Caltanissetta, Sirakuża, Trapani,

— Ir-Reġjun tat-Toskana,

— Il-Provinċja ta' Trento,

— Ir-Reġjun tal-Umbrija,

— Ir-Reġjun tal-Val d'Aosta,

— Ir-Reġjun tal-Veneto."

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-14 ta’ Lulju 2010

## li ttemm il-proċedura antidumping rigward l-importazzjoni ta’ ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-Indja u mill-Malażja

(2010/392/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) (“ir-Regolament bażiku”), u b’mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. **Proċedura**

(1) Fit-30 ta’ Ġunju 2009 il-Kummissjoni Ewropea (“il-Kummissjoni”) rċiviet ilment dwar dumping inġurjuż allegat ta’ ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-Indja u l-Malażja (“il-pajjiżi kkonċernati”).

(2) L-ilment tressaq mill-European Industrial Fasteners Institute (“EIFI”) f’isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f’dan il-każ ta’ aktar minn 25 %, tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta’ ċerti qfieli tal-istainless steel skont l-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku.

(3) L-ilment kien fih evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta’ dumping u ta’ ħsara materjali li rriżultat minnu, li tqieset biżżejjed biex ikun iġġustifikat il-bidu ta’ proċediment antidumping.

(4) Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv, il-Kummissjoni tat-bidu, b’avviż f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]), għal proċedura antidumping li tikkonċerna l-importazzjoni fl-Unjoni ta’ ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati, li jidħlu fil-klassifikazzjonijiet tal-kodiċi NM 7318 12 10, 7318 14 10, 7318 15 30, 7318 15 51, 7318 15 61, u 7318 15 70.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

([2]) ĠU C 190, 13.8.2009, p. 27.

(5) Fl-istess jum, il-Kummissjoni tat bidu għal proċediment kontra s-sussidju li jikkonċerna l-importazzjoni fl-Unjoni ta’ ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati ([3]).

(6) Il-Kummissjoni bagħtet il-kwestjonarji lill-indusrija tal-Unjoni u lil kull assoċjazzjoni ta’ produtturi magħrufa fl-Unjoni Ewropea, lill-esportaturi/produtturi fil-pajjiżi kkonċernati, lil kull assoċjazzjoni ta’ esportaturi/produtturi, lill-imporaturi, lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta’ importaturi, u lill-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-avviż tal-bidu.

### B. **L-irtirar tal-ilment u t-twaqqif tal-proċediment**

(7) B’ittra tal-1 ta’ April 2010 lill-Kummissjoni, l-EIFI formalment irtiraw l-ilment.

(8) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, il-proċediment jista’ jintemm meta jiġi rtirat l-ilment, sakemm dan it-tmiem ma jmurx kontra l-interess tal-Unjoni.

(9) Il-Kummissjoni qieset li l-proċediment attwali għandu jintemm billi l-investigazzjoni ma sabet ebda fatt li juri li dan it-tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew infurmati b’dan u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Ma tressqu ebda kummenti li jindikaw li dan it-tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

(10) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjoni fl-Unjoni ta’ ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati għandu jintemm,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-proċediment antidumping rigward l-importazzjoni ta’ ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet tagħhom li joriġinaw mill-Indja u mill-Malażja, attwalment ikklassifikati fil-kodiċijiet NM 7318 12 10, 7318 14 10, 7318 15 30, 7318 15 51, 7318 15 61 u 7318 15 70, huwa b’dan mitmum.

([3]) ĠU C 190, 13.8.2009, p. 32.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-14 ta' Lulju 2010

## li ttemm il-proċedura kontra s-sussidji dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet minnhom li joriġinaw fl-Indja u fil-Malasja

(2010/393/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. **PROĊEDURA**

(1) Fit-30 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni') rċeviet ilment dwar l-allegati sussidji dannużi tal-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet minnhom li joriġinaw fl-Indja u fil-Malasja (il-"pajjiżi kkonċernati").

(2) L-ilment tressaq mill-Istitut Ewropew tal-Qfieli Industrijali ("EIFI") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ ta' aktar minn 25 %, tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti qfieli tal-istainless steel skont l-Artikoli 9(1) u 10(6) tar-Regolament bażiku.

(3) L-ilment kien fih evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta' sussidji u ta' dannu materjali li rriżulta minnhom, li tqieset biżżejjed biex tkun iġġustifikata it-tnedija ta' proċedura kontra s-sussidji.

(4) Qabel it-tnedija tal-proċedura u skont l-Artikolu 10(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għarrfet lill-gvernijiet tal-pajjiżi kkonċernati li kienet irċeviet ilment dokumentat kif suppost li jallega li importazzjonijiet sussidjati ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet minnhom li joriġinaw fil-pajjiżi kkonċernati kienu qed jikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Il-gvernijiet tal-pajjiżi kkonċernati ġew mistiedna separatament għal konsultazzjonijiet bl-għan li tiġi ċċarata s-sitwazzjoni rigward il-kontenut tal-ilment u li wieħed jasal għal soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku. Matul il-konsultazzjonijiet ma setgħet tintlaħaq l-ebda soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

(5) Il-Kummissjoni, wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2], nediet proċedura kontra s-sussidji dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet minnhom li joriġinaw fil-pajjiżi kkonċernati, li bħalissa huma klassifikati fi ħdan il-kodiċi NM 7318 12 10, 7318 14 10, 7318 15 30, 7318 15 51, 7318 15 61 u 7318 15 70.

(6) Fl-istess jum, il-Kummissjoni nediet proċedura antidumping dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet minnhom li joriġinaw fil-pajjiżi kkonċernati [3].

(7) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-industrija tal-Unjoni u lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi fl-Unjoni, lill-esportaturi/produtturi fil-pajjiżi kkonċernati, lil kull assoċjazzjoni ta' esportaturi/produtturi, lill-importaturi, lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi, u lill-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-avviż tat-tnedija.

### B. **IRTIRAR TAL-ILMENT U TMIEM TAL-PROĊEDURA**

(8) Permezz tal-ittra tagħha tal-1 ta' April 2010 lill-Kummissjoni, l-EIFI irtira formalment l-ilment tiegħu.

(9) Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku, il-proċediment jista' jintemm meta jiġi rtirat l-ilment, sakemm tali tmiem ma jmurx kontra l-interess tal-Unjoni.

(1) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.

(2) ĠU C 190, 13.8.2009, p. 32.

(3) ĠU C 190, 13.8.2009, p. 27.

(10) Il-Kummissjoni qieset li l-proċedura attwali għandha tintemm billi l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda fatt li juri li tali tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Ma tressaq l-ebda kumment li jindika li tali tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

(11) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċedura kontra s-sussidji dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet minnhom li joriġinaw fil-pajjiżi kkonċernati għandha tintemm,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-proċedura kontra s-sussidji dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-istainless steel u partijiet minnhom li joriġinaw fl-Indja u fil-Malasja, li bħalissa huma kklassifikati fil-kodiċi NM 7318 12 10, 7318 14 10, 7318 15 30, 7318 15 51, 7318 15 61 u 7318 15 70, b'dan qiegħda tintemm.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-20 ta' Mejju 2008

## dwar l-għajnuna mill-Istat bin-numru C 57/06 (dik li qabel kienet l-għajnuna bin-numru NN 56/06 u bin-numru N 451/06) b'rabta mal-finanzjament mogħti mir-reġjun ta' Hessen lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun

*(notifikata bid-dokument numru C(2008) 1626)*

**(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/394/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 88(2)(1) tiegħu,

Wara li l-partijiet interessati ġew mistiedna jressqu l-kummenti tagħhom skont dak l-Artikolu [1], u wara li ġew ikkunsidrati dawk il-kummenti,

Billi:

### I. IL-PROĊEDURA

(1) Wara lmenti li rċieva f'Ottubru 2003 u f'Novembru 2004 rispettivament, id-Direttorat Ġenerali għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali (id-DĠ AGRI) wettaq inkjesta dwar il-finanzjament mogħti mir-reġjun ta' Hessen lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun.

(2) B'rabta ma' dan, saru żewġ laqgħat, waħda fis-26 ta' Jannar 2005 bejn l-awtoritajiet tar-reġjun ta' Hessen u uffiċjali mid-DĠ AGRI, u oħra fid-29 ta' Settembru 2005 bejn il-Prim Ministru tar-reġjun ta' Hessen, is-Sur Koch, u l-Kummissarju għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali. Wara l-laqgħa tad-29 ta' Settembru 2005, id-DĠ AGRI bagħat ittra ta' segwitu lill-awtoritajiet tar-reġjun ta' Hessen nhar it-13 ta' Ottubru 2005.

(3) L-awtoritajiet tar-reġjun ta' Hessen bagħtu t-tagħrif lid-DĠ AGRI bil-miktub permezz ta' ittri li jġibu d-dati tal-25 ta' Jannar 2005, tal-25 ta' April 2005 u tat-12 ta' Diċembru 2005 rispettivament, li għalihom qed issir referenza hawnhekk.

(4) Il-Ġermanja għarrfet lill-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-kapital proprju ta' kantina ġdida tal-inbid permezz ta' ittra elettronika mibgħuta fis-6 ta' Lulju 2006, skont l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE. Skont it-tagħrif mibgħut, in-notifika ntbagħtet sabiex ikun hemm ċertezza legali. Minħabba li parti mill-fondi kienu diġà tħallsu qabel ma saret in-notifika, il-miżura ġiet irreġistrata bin-numru NN 56/06 fir-reġistru tal-għajnuniet li ma jiġux innotifikati. Il-Ġermanja bagħtet iktar tagħrif permezz tal-ittri elettroniċi mibgħuta fil-21 ta' Settembru 2006 u fl-14 ta' Novembru 2006.

(5) Permezz ta' ittra tal-20 ta' Diċembru 2006 (K(2006) 6605 finali), il-Kummissjoni għarrfet lill-Ġermanja li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura mniżżla fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE b'rabta ma' din l-għajnuna.

(6) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura kienet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex, fi żmien xahar, iressqu l-kummenti tagħhom.

(7) Permezz ta' ittra tal-15 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti ta' parti interessata, li għall-bidu talbet li isimha ma jixxandarx.

(8) Il-kummenti ntbagħtu lill-Ġermanja, mingħajr ma ġiet żvelata l-identità tal-parti interessata li bagħtithom, permezz ta' ittra tat-2 ta' Marzu 2007. Permezz ta' ittra tas-7 ta' Marzu 2007, il-parti interessata rrevokat it-talba biex isimha ma jixxandarx. Permezz ta' ittra elettronika mibgħuta fl-4 ta' April 2007, il-Ġermanja bagħtet iktar tagħrif.

### II. DESKRIZZJONI

(9) Skont it-tagħrif mibgħut, l-azjenda Hessische Staatsweingüter GmbH Kloster Eberbach, li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha f'Eltville, ħdejn ix-xmara Rhein, għandha żona ta' madwar 190 ettaru bid-dwieli u għalhekk hija l-ikbar vinja fil-Ġermanja. Hija tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' nbid ta' kwalità għolja, l-iktar tat-tip "Riesling" kif ukoll fil-produzzjoni tal-inbid aħmar fi kwantitajiet dejjem ikbar. Ir-reġjun ta' Hessen huwa s-sid waħdieni ta' din il-kumpanija.

[1] ĠU C 19, 27.1.2007, p. 2.

[2] Ara n-nota 1 ta' qiegħ il-paġna.

(10) Sal-1998, in-negozju tal-inbid tar-reġjun ta' Hessen kien amministrat bħala parti mill-amministrazzjoni ġenerali ["*kameralistische Wirtschaftsführung*"], imbagħad wara, sal-2003, bħala impriża tar-reġjun ta' Hessen ["*Landesbetrieb*"]. Iridu jiġu eżaminati diversi miżuri b'rabta mal-finanzjament tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen.

**Il-miżuri ta' qabel il-31 ta' Diċembru 2002**

(11) Qabel l-2003, l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen ġieli spiċċaw marru minn taħt. Dan it-telf kien jagħmel tajjeb għalih ir-reġjun.

(12) Qabel in-notifika min-naħa tal-Ġermanja, l-awtoritajiet ta' Hessen kienu taw tagħrif iddettaljat dwar il-fondi li r-reġjun ta' Hessen kien alloka għall-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun mill-1995 sal-2002.

(13) Bħala parti mill-amministrazzjoni ġenerali, ħidmet l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen kienet amministrata skont il-Kapitoli 09 35 u 03 35 tal-baġit tar-reġjun. Ir-reġjun ta' Hessen kien jagħmel tajjeb għad-defiċit tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen fil-kontijiet annwali rispettivi tiegħu.

(14) Skont it-tagħrif mibgħut, f'dak iż-żmien il-monument kulturali u arkitettoniku msejjaħ il-monasteru ta' Eberbach ("Kloster Eberbach"), li qabel kien abbazija taċ-Ċisterċensi, ukoll kien għadu f'idejn l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen. Għalhekk, l-ispejjeż taż-żamma u tal-amministrazzjoni tal-monasteru kienu attribwiti lilhom. Skont it-tagħrif mibgħut, il-monasteru issa qed jitmexxa bħala fondazzjoni indipendenti li taqa' taħt il-liġi pubblika.

(15) Skont it-tagħrif mibgħut, l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen kellhom dawn ir-riżultati fil-perjodu mill-1995 sal-1997:

*(f'DEM)*

| | 1995 | 1996 | 1997 |
|---|---|---|---|
| Dħul | 10 424 594 | 10 970 002 | 12 043 717 |
| Infiq | 11 637 419 | 11 889 731 | 12 330 538 |
| Riżultat | **– 1 212 825** | **– 919 729** | **– 286 821** |

(16) L-awtoritajiet ta' Hessen qalu li l-infiq attribwit għaż-żamma u għall-amministrazzjoni tal-monasteru ta' Eberbach ma kellux jitqies meta jiġi kkalkulat l-ammont totali tal-allokazzjonijiet tar-reġjun ta' Hessen attribwiti lin-negozju tal-inbid tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun.

(17) Skont it-tagħrif mibgħut, id-dħul u l-infiq tal-monasteru ta' Eberbach attribwit lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen, kien imniżżel taħt sottotitolu ieħor [it-"*Titelgruppe 72*"] u b'hekk seta' jiġi identifikat b'mod ċar.

(18) Skont l-awtoritajiet ta' Hessen, fil-kontijiet tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen kien hemm imniżżel ukoll l-infiq għal servizzi li ma kinux jistgħu jiġu attribwiti b'mod dirett lill-operat tal-vinji, iżda lil servizzi pubbliċi oħrajn, bħas-serati li fihom ir-rappreżentanzi mill-gvern u mill-Parlament ta' Hessen iduqu nbejjed differenti, u l-investimenti marbutin mal-miżuri ta' konsolidazzjoni tal-artijiet. Skont it-tagħrif mibgħut, dan l-infiq tniżżel fl-anness ta' spjegazzjoni għall-Kapitoli 09 35 u 03 35 tal-kontijiet annwali.

(19) Minħabba f'hekk, skont l-awtoritajiet ta' Hessen, l-allokazzjonijiet tar-reġjun ta' Hessen li huma attribwiti lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun għandhom jitranġaw kif ġej:

*(f'DEM)*

| | 1995 | 1996 | 1997 |
|---|---|---|---|
| Riżultat | – 1 212 825 | – 919 729 | – 286 821 |
| Id-dħul tal-monasteru ta' Eberbach | 570 825 | 826 672 | 966 948 |
| L-infiq tal-monasteru ta' Eberbach | 1 344 793 | 1 331 987 | 1 533 826 |
| L-aġġustament għall-monasteru ta' Eberbach | 773 968 | 505 315 | 566 878 |
| Serati li fihom ir-rappreżentanzi jduqu nbejjed differenti (l-ammont kollu f'daqqa) | 140 000 | 140 000 | 140 000 |
| Konsolidazzjoni tal-artijiet | 63 918 | 99 568 | 47 963 |
| L-aġġustament għall-infiq li mhux marbut mal-operat | 203 918 | 239 568 | 187 963 |
| L-ammont totali aġġustat | – 234 939 | – 174 846 | 468 020 |
| L-allokazzjonijiet aġġustati f'EUR | 120 122 | 89 397 | — |

(20) Skont it-tagħrif mibgħut, l-impriża tar-reġjun ta' Hessen tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun (li nħolqot fl-1 ta' Jannar 1998 bħala parti separata tal-amministrazzjoni tar-reġjun imma li mhijiex entità legali) irċeviet allokazzjonijiet għall-operat, fosthom għotjiet għall-operat u għotjiet għall-attivitajiet tar-rappreżentanzi tar-reġjun (ammonti f'daqqa għas-serati li fihom il-gvern u l-Parlament ta' Hessen iduqu nbejjed differenti).

(21) Skont it-tagħrif mogħti mill-awtoritajiet ta' Hessen, l-ammonti li ġejjin jistgħu jitqiesu bħala allokazzjonijiet rilevanti għall-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen għall-perjodu mill-1998 sal-2002:

*(f'DEM)*

| | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 |
|---|---|---|---|---|---|
| Allokazzjonijiet għall-operat | 145 000 | 670 000 | 100 000 | 120 000 | 61 400 |
| li minnhom l-għotjiet għall-attivitajiet tar-rappreżentanzi kienu ta' | 65 000 | 100 000 | 100 000 | 120 000 | 61 400 |
| L-allokazzjonijiet rilevanti | 80 000 | 570 000 | — | — | — |
| L-allokazzjonijiet rilevanti f'EUR | 40 903 | 291 436 | — | — | — |

(22) Skont l-awtoritajiet ta' Hessen, l-allokazzjonijiet rilevanti għall-perjodu mill-1995 sal-2002 jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

*(f'EUR)*

| | | |
|---|---|---|
| Bħala parti mill-amministrazzjoni ġenerali | Mill-1995 sal-1997 | 209 520 |
| Bħala impriża tar-reġjun ta' Hessen | Mill-1998 sal-2002 | 332 339 |
| L-ammont totali | 1995-2002 | 541 859 |

**Ir-ristrutturar tan-negozju tal-inbid tar-reġjun ta' Hessen**

(23) Sabiex jitħejja r-ristrutturar tan-negozju tal-inbid, fuq talba tar-reġjun ta' Hessen, bejn Awwissu u Novembru tal-2001, l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun ħadmu flimkien maċ-ċentru tar-riċerka ta' Geisenheim biex ħarġu b'dokument ta' strateġija msejjaħ "*Situationsanalyse und Entwicklungsperspektiven*" ("Analiżi tas-sitwazzjoni u l-prospetti għall-iżvilupp"), li fih ippreżentaw xenarji differenti tal-iżvilupp tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb li jista' jkun hemm iktar 'il quddiem. F'dan id-dokument, tqiesu żewġ forom legali possibbli għan-negozju tal-inbid, jiġifieri kumpanija b'responsabbiltà limitata ("GmbH") jew fondazzjoni. F'dak li għandu x'jaqsam mal-istrateġija tan-negozju, l-għażliet kienu jew li l-kantina l-qadima tal-inbid tiġi rrestawrata għal kollox jewinkella li tinbena oħra ġdida.

(24) Abbażi ta' dan id-dokument, f'Ġunju tal-2002 tħejja pjan tan-negozju għax-xenarji differenti. Ix-xenarju li fih kollox jibqa' kif inhu qies ir-restawr bil-mod il-mod tal-bini l-antik f'Eltville fl-għaxar snin li ġejjin, li se jiswa madwar EUR 6,7 miljun. Madanakollu, din l-għażla mhix se twassal biex in-negozju tal-inbid jerġa' jibda jagħmel qligħ. Skont il-pjan tan-negozju, għall-finanzjament tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen fuq perjodu ta' għaxar snin se jkunu meħtieġa allokazzjonijiet min-naħa tar-reġjun ta' Hessen ta' madwar EUR 14,3 miljun (inklużi l-flus biex jiġi kopert in-nuqqas ta' flus mill-ħidmiet ta' qabel tagħhom sa mis-sena 2000 'l hawn) kif ukoll dħul ta' madwar EUR 7,7 miljun mill-bejgħ ta' assi li mhumiex meħtieġa għall-operat. U fl-2011, in-negozju tal-inbid xorta waħda jkollu defiċit annwali ta' madwar EUR 2 miljun.

(25) It-tieni għażla strateġika, jiġifieri l-bini ta' kantina ġdida tal-inbid fil-post fejn kien hemm il-bini l-antik f'Eltville, tqieset li kienet il-waħda li toffri l-inqas benefiċċji ekonomiċi u għalhekk ma tqisetx iktar.

(26) L-unika għażla strateġika li kienet se twassal għal qligħ fit-tul skont il-pjan tan-negozju kienet il-bini ta' kantina ġdida tal-inbid fiż-żona fejn hemm l-imħażen tal-għelieqi tal-għeneb ta' Steinberg u t-trasferiment tal-amministrazzjoni tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen u tal-ħanut tal-inbid lejn il-monasteru ta' Eberbach. Din l-għażla tippresupponi li r-reġjun se jkollu jagħmel tajjeb għad-djun li kien hemm sa tmiem l-2002 min-negozju tal-inbid. L-ispiża tal-investiment sabiex tinbena l-kantina l-ġdida tal-inbid b'kollox hija mistennija li tkun ta' EUR 15-il miljun, u l-fondi għaliha għandhom jiġu parti mill-bejgħ ta' artijiet li mhumiex meħtieġa għall-operat u parti mill-kapital misluf. Skont il-mudell tal-pjan tan-negozju, għall-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen, l-ewwel marġni pożittiv ta' kontribut kien se jkun fis-sena finanzjarja tal-2006/2007, waqt li l-ewwel sitwazzjoni ta' likwidità pożittiva kienet se tkun fis-sena finanzjarja tal-2008/2009. L-allokazzjonijiet mir-reġjun meħtieġa sabiex ikunu koperti l-ħtiġijiet tal-likwidità matul l-ewwel snin tar-ristrutturar, jiġifieri mill-2003 'l quddiem, jammontaw għal madwar EUR 4,3 miljun.

(27) Minħabba li l-qagħda tas-suq inbidlet, kif ukoll minħabba kundizzjonijiet oħrajn (fosthom il-qagħda ġenerali tal-ekonomija fil-Ġermanja u l-għargħar li kien hemm), il-pjan tan-negozju ta' Ġunju tal-2002 kelli jiġi aġġornat f'Settembru tal-2002 u l-mudell finanzjarju kellu jiġi rivedut. Skont il-mudell rivedut, id-dewmien biex l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen jibdew jagħmlu qligħ kien se jfisser li r-reġjun kellu jagħtihom iktar allokazzjonijiet, li kienu jammontaw għal madwar EUR 3.4 miljun.

(28) Permezz ta' deċiżjoni tal-Kabinett tal-10 ta' Diċembru 2002, il-gvern tar-reġjun ta' Hessen iddeċieda li jibdel in-negozju tal-inbid f'kumpanija ġdida b'responsabbiltà limitata, msejħa "Hessische Staatsweingüter GmbH Kloster Eberbach" (minn hawn 'il quddiem imsejħa "GmbH"), b'effett mill-1 ta' Jannar 2003. L-awtoritajiet ta' Hessen sejħu 'l dan il-proċess wieħed ta' "privatizzazzjoni formali". Barra minn hekk, il-kabinett iddeċieda li jibni kantina ġdida tal-inbid fiż-żona fejn hemm l-imħażen tal-għelieqi tal-għeneb ta' Steinberg u li jċaqlaq lill-amministrazzjoni minn Eltville għal Eberbach (jiġifieri li jwettaq it-tielet għażla strateġika mressqa fil-pjan tan-negozju).

(29) L-assi attwali u l-assi fissi li jistgħu jiċċaqalqu u li huma meħtieġa għall-operat ta' dik li qabel kienet l-impriża tar-reġjun ta' Hessen tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun, li kienu jammontaw għal madwar EUR 7,3 miljun, kif ukoll xi ftit mill-obbligazzjonijiet tat-terminu qasir u mid-dispożizzjonijiet, ġew ittrasferiti lill-kumpanija GmbH. L-assi fissi li ma jistgħux jiċċaqalqu u li huma meħtieġa għall-operat (ir-raba' maħdum u l-bini) ġew inkorporati f'impriża msejħa "Betrieb gewerblicher Art" (istituzzjoni kummerċjali mwaqqfa skont il-liġi pubblika li għandha lir-reġjun bħala s-sid waħdieni tagħha) u nkrew mill-kumpanija GmbH. Skont it-tagħrif mibgħut, ir-rati tal-kera ġew iffissati abbażi tar-rapporti ta' żewġ esperti dwar il-kalkolu tal-valur tal-kera, li tressqu mill-awtoritajiet ta' Hessen.

(30) Skont it-tagħrif mogħti mill-awtoritajiet ta' Hessen, ir-reġjun ta' Hessen ried jagħti lill-kumpanija GmbH biżżejjed kapital, fil-qafas ta' pjan komprensiv ta' investiment, sabiex tkun żgurata l-vijabbiltà tagħha fit-terminu medju taż-żmien u fit-tul fis-swieq internazzjonali tal-inbid, mingħajr finanzjament pubbliku.

(31) Sa tmiem l-2002, l-impriża tar-reġjun ta' Hessen kellha tagħti lir-reġjun EUR 1 792 000. Fil-31 ta' Diċembru 2002, ir-reġjun ta' Hessen ħassar dan id-dejn permezz ta' stima korrispondenti fl-anness għall-baġit tal-2002.

(32) Meta twaqqfet f'Jannar tal-2003, ir-reġjun ta' Hessen ta lill-kumpanija GmbH miljun Euro biex tibda (bħala kapital sottoskritt tal-kumpanija). Permezz tat-trasferiment tal-assi (u ta' xi obbligazzjonijiet), tat-tħassir tad-dejn u tal-injezzjoni tal-kapital fil-bidu, il-kumpanija l-ġdida GmbH bdiet b'kapital proprju ta' madwar EUR 7,6 miljun (madwar 91 % tal-ammont totali tal-karta tal-bilanċ).

(33) Fi tmiem l-2003, ġie deċiż li jkun hemm injezzjoni oħra tal-kapital, din id-darba ta' EUR 1 225 miljun. Fil-fatt, din ingħatat f'partijiet, b'EUR 400 000 jingħataw fit-2 ta' April, EUR 300 000 fit-28 ta' Ġunju, EUR 125 000 fil-11 ta' Awwissu, u EUR 100 000 fil-15 ta' Settembru 2004. L-aħħar ammont ta' EUR 300 000 tħallas fl-aħħar fis-27 ta' Frar 2006. L-injezzjoni tal-kapital iddaħħlet fil-kontijiet tal-kumpanija GmbH bħala riżervi ta' natura kapitali.

(34) Il-pjan tan-negozju ta' Settembru tal-2002 ġie aġġornat mill-ġdid fi Frar tal-2003 (pjan tan-negozju tas-26 ta' Frar 2003, estiż sabiex jinkludi l-ippjanar sħiħ tal-qligħ u t-telf), u mbagħad ukoll f'Novembru tal-2003 (pjan tan-negozju tat-28 ta' Novembru 2003). Il-pjan tan-negozju tat-28 ta' Novembru 2003 antiċipa li l-ewwel EBITDA ([3]) pożittiv kien se jkun fis-sena finanzjarja tal-2007, li l-ewwel sitwazzjoni ta' likwidità pożittiva kienet se tkun fl-2010 u li se jibda jkun hemm dħul nett fis-sena sa mill-2014 'il quddiem. Skont it-tagħrif mibgħut, il-mudell finanzjarju ta' bażi kien se jwassal għal dħul fuq il-kapital proprju (abbażi tad-dħul qabel ma titnaqqas it-taxxa) ta' iktar minn 3 % fl-2016, u kien se jilħaq livell ta' iktar minn 7 % mill-2019 'il quddiem.

(35) B'rabta ma' dan, l-awtoritajiet ta' Hessen bagħtu lill-Kummissjoni rapport dwar il-qagħda fis-suq u l-vijabbiltà ekonomika ta' azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb li kienu simili fil-Ġermanja u l-Unjoni Ewropea (rapport ta' April 2005 tal-Professur Dieter Hoffmann, miċ-ċentru tar-riċerka ta' Geisenheim, imsejjaħ "*Kurzgutachten – Die Marktstellung und Wirtschaftlichkeit von mit der Hessischen Staatsweingüter Kloster Eberbach GmbH, Eltville, vergleichbaren Weingütern in Deutschland und der Europäischen Union*", minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-rapport ta' Hoffmann"). Għal dan ir-rapport, intużaw analiżi tan-negozju li twettqu b'mod regolari miċ-ċentru tar-riċerka ta' Geisenheim fuq iktar minn 130 azjenda agrikola li tkabbar l-għeneb sabiex jiġu kkalkulati l-indikaturi medji ta' kemm dan is-settur irendi qligħ.

(36) Skont ir-rapport ta' Hoffmann, l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb u sidien oħra li jista' jkun hemm minn setturi oħra tal-industrija huma interessati f'rati ta' qligħ fuq il-kapital proprju fit-tul li jkunu sostenibbli. Mill-analiżi ħareġ li, għall-perjodu mill-1992 sal-2003, ir-rata medja tal-qligħ fuq il-kapital proprju kienet ta' 1,9 % għall-azjendi agrikoli kollha li jkabbru l-għeneb li kienu mistħarrġa. L-aqwa azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb kellhom rata medja ta' qligħ fuq il-kapital proprju ta' 11,7 %. Skont it-tagħrif mibgħut, l-aqwa azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb li kienu mistħarrġa ma jistgħux jitqabblu b'mod dirett mal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen minħabba li dawk tal-ewwel huma azjendi tal-familji u l-indikaturi ta' kemm irendu qligħ iridu jitranġaw sabiex jitqiesu l-ispejjeż tal-persunal għal amministrazzjoni minn barra. Ir-rapport jgħid li, wara li jsir dan l-aġġustament (li jqis l-ispejjeż għal amministratur tekniku u għal żewġ amministraturi finanzjarji), il-qligħ medju fuq il-kapital proprju tal-aqwa azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb huwa ta' madwar 2 % (għall-perjodu mill-1992 sal-2003) u ta' 3 % (għall-perjodu mill-1998 sal-2003). Skont l-awtoritajiet ta' Hessen, dawn il-valuri għandhom jitqiesu bħala l-punt ta' riferiment għall-finanzjament tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen.

(37) Skont ir-rapport ta' Hoffmann, l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb ristrutturati jew l-investimenti fit-tul fuq skala kbira se jdumu mill-inqas għaxar snin u, bħala medja, bejn għaxar u ħmistax-il sena sa ma jibdew jagħmlu biżżejjed qligħ biex ikopru l-ispejjeż kollha.

(38) L-awtoritajiet ta' Hessen qalu li l-mudelli finanzjarji ta' bażi ssejsu fuq approċċ għall-ippjanar li kien konservattiv ferm. Skont it-tagħrif mibgħut, il-pjan tan-negozju tas-26 ta' Frar 2003 ġie eżaminat mill-kumpanija KPMG Deutsche Treuhand-Gesellschaft Aktiengesellschaft (KPMG), li qalet li huwa konservattiv ħafna f'termini tal-agħar każ possibbli.

### Il-finanzjament tal-kapital proprju tal-kantina l-ġdida

(39) Ir-reġjun ta' Hessen reġa' ta iktar kapital lill-kumpanija Hessische Staatsweingüter GmbH Kloster Eberbach sabiex tkun tista' tibni l-kantina l-ġdida ta' taħt l-art. Skont it-tagħrif mibgħut, dan l-investiment huwa miżura importanti ferm sabiex il-kumpanija GmbH tkun tista' tibda tagħmel qligħ fit-terminu medju taż-żmien u fit-tul (ara l-premessi (23) sa (26)) u huwa meħtieġ minħabba l-problemi strutturali fil-kantina l-qadima ta' Eltville sabiex tinżamm il-kwalità tal-inbid u tkun żgurata l-konformità mal-istandards internazzjonali tal-ikel. Il-kantina l-ġdida se tinbena fiż-żona fejn hemm l-imħażen tal-vinji ta' Steinberg.

(40) L-investiment totali ta' madwar EUR 15-il miljun se jiġi ffinanzjat b'mod parzjali permezz ta' injezzjoni tal-kapital min-naħa tar-reġjun ta' Hessen. B'differenza minn dak li kien previst fil-pjan tar-ristrutturar, il-finanzjament tal-kapital proprju ta' EUR 7.5 miljun, li tgħarraf fis-6 ta' Lulju 2006, mhux se jingħata bħala sempliċi ishma, iżda bħala self min-naħa tal-azzjonisti.

(41) Dan is-self min-naħa tal-azzjonisti jissejjes fuq rata tal-imgħax ta' 3,7 % fis-sena u hemm il-possibbiltà li, sal-2014 jew l-2015, ikun hemm il-kapitalizzazzjoni tal-imgħax fis-sena (jiġifieri li jitħallas 50 % mill-imgħax dovut u minn dak kompost fl-2014 u fl-2015 rispettivament).

(42) Barra minn hekk, is-self min-naħa tal-azzjonisti, b'rata li tikkorrispondi mal-proporzjon tas-self min-naħa tal-azzjonisti mal-kapital sottoskritt tal-kumpanija GmbH, se jiġi inkluż fil-qligħ annwali tal-kumpanija sa massimu ta' 25 % tal-ammont misluf li jkun għad fadal. F'Ottubru tal-2006, ir-rata tal-parteċipazzjoni fil-qligħ kienet ta' 88 %.

(43) Mill-2021 'il quddiem, is-self min-naħa tal-azzjonisti se jitħallas kollu bil-mod il-mod b'rata ta' 5 % fis-sena.

---

([3]) L-"Earnings before interest, tax, depreciation and amortization" (id-dħul qabel ma jitnaqqsu l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-amortizzament).

(44) Is-self min-naħa tal-azzjonisti se jitħallas fuq talba tal-amministrazzjoni tal-kumpanija GmbH skont il-progress tal-iskema tal-investiment.

(45) Skont it-tagħrif mibgħut, f'Awwissu tal-2004 ingħatat l-ewwel parti tal-flus, jiġifieri EUR 300 000, b'rabta mal-ippjanar tal-kantina l-ġdida. Bejn Marzu u Settembru tal-2006, komplew jingħataw iktar flus f'partijiet, li b'kollox kienu jammontaw għal EUR 2.3 miljun, b'rabta mal-bini tal-kantina l-ġdida. Dawn l-ammonti ngħataw bħala allokazzjonijiet skont żewġ deċiżjonijiet tal-Ministeru ta' Hessen responsabbli għall-ambjent, l-iżvilupp rurali u l-ħarsien tal-konsumatur, meħudin fit-22 ta' Diċembru 2004 u fil-21 ta' Lulju 2006, li jkopru ammont totali ta' EUR 1,2 miljun u EUR 6,3 miljun rispettivament, maħsub biex ikopri l-ispejjeż marbutin mal-kantina l-ġdida. Skont it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Ġermaniżi permezz ta' ittra elettronika mibgħuta fl-14 ta' Novembru 2006, dawn id-deċiżjonijiet kienu se jiġu rtirati u l-ammonti li kienu diġà tħallsu b'rabta mal-kantina l-ġdida kienu se jiddaħħlu mas-self min-naħa tal-azzjonisti u kien se jkollhom l-istess kundizzjonijiet bħal dan is-self.

(46) Permezz ta' ittra elettronika mibgħuta fis-16 ta' Novembru 2006, il-Kummissjoni ngħatat il-pjan tan-negozju tal-kumpanija GmbH aġġornat fis-16 ta' Ottubru 2006, li kien ibbażat fuq l-ippjanar oriġinali għall-2004 sal-2020 u li kien jirrifletti l-ispejjeż tal-finanzjament tal-kantina l-ġdida. Skont dan il-pjan tan-negozju, li jkopri l-perjodu mill-2006 sal-2020 u l-2025 u li fih dispożizzjoni dwar rata tal-imgħax fissa u żgurata ta' 3,7 % tal-kapital ipprovdut, wieħed jista' jistenna li jkun hemm sitwazzjoni ta' likwidità pożittiva mir-riżultati sa mill-2010 'l quddiem ([4]). Sa mill-2014 'il quddiem għandu jibda jkun hemm qligħ nett.

(47) Għall-2014, il-pjan tan-negozju juri rata sħiħa tal-imgħax fuq is-self min-naħa tal-azzjonisti (inkluż il-qligħ minimu fiss ta' 3,7 %) ta' madwar 4,3 %, li fl-2020 għandu jilħaq livell ta' iktar minn 13 %.

(48) Skont it-tagħrif mibgħut, fl-ewwel sentejn tal-operat tagħha, jiġifieri fl-2004 u fl-2005, il-bejgħ u l-qligħ tal-kumpanija GmbH kien ferm iktar milli mistenni.

(49) Il-bqija tal-finanzjament għall-kantina l-ġdida ġie minn self minn bank kummerċjali. L-offerta tas-self mogħtija mill-bank Commerzbank AG (b'finanzjament mill-ġdid permezz tal-"*Kreditanstalt für Wiederaufbau*" (il-bank tas-self għall-bini mill-ġdid) intbagħtet lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika mibgħuta fit-22 ta' Settembru 2006, għat-tagħrif tagħha biss. L-offerta fiha l-klawżoli normali tas-self fis-suq, fosthom klawżola dwar bidla fil-kontroll tal-kumpanija ([5]) u r-rekwiżit ta' porzjon minimu ta' kapital proprju ta' 30 % għal kemm idum fis-seħħ is-self.

**Ir-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni biex tibda l-proċedura mniżżla fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE**

(50) Fl-ittra tal-20 ta' Diċembru 2006 (K(2006) 6605 finali), li permezz tagħha l-Kummissjoni għarrfet lill-Ġermanja li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura formali tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni sabet li r-reġjun ta' Hessen kien ta vantaġġ lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun billi kien qiegħed dejjem ikopri t-telf tan-negozju tal-inbid qabel l-2003 u li, b'hekk, din il-miżura kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

(51) Barra minn hekk, hija esprimiet id-dubji tagħha dwar kemm ir-reġjun ta' Hessen aġixxa bħala investitur fl-ekonomija tas-suq b'rabta mal-ewwel żewġ injezzjonijiet tal-kapital, jiġifieri dawk ta' EUR 1 miljun u ta' EUR 1,225 miljun.

(52) Minbarra dan, il-Kummissjoni qalet li wieħed jista' jikkonkludi li r-reġjun ta' Hessen aġixxa bħala investitur privat meta ta s-self min-naħa tal-azzjonisti lill-kumpanija Hessische Staatsweingüter GmbH bħala investiment indipendenti.

(53) Minkejja dan, il-Kummissjoni qalet li l-finanzjament tal-kapital proprju tal-kantina kellu jitqies bħala investiment ta' segwitu min-naħa tar-reġjun ta' Hessen u li għalhekk, wieħed irid jistaqsi jekk investitur privat, wara li jkun kopra t-telf ta' kumpanija li ġej mill-imgħoddi u wara li mbagħad ikun investa ammont totali ta' EUR 2,225 miljun fiha bħala kapital, kienx se joffri xorta waħda EUR 7,5 miljun bħala finanzjament tal-kapital proprju għal kantina ġdida bil-kundizzjonijiet tas-self min-naħa tal-azzjonisti.

## III. IL-KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI

(54) Permezz ta' ittra tal-15 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti tal-grupp tal-impriżi li jkabbru l-għeneb tar-reġjun ta' Rheingau (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-parti interessata"), li għall-bidu talab li ismu ma jixxandarx, iżda li mbagħad, permezz ta' ittra tas-7 ta' Marzu 2007, irrevoka din it-talba.

([4]) Fil-pjan tan-negozju li tressaq, sabiex tiġi kkalkulata l-likwidità, il-qligħ u t-telf nett fis-sena tranġa biss għad-deprezzament bħala nfiq li mhux fil-forma ta' flus.

([5]) Dispożizzjoni li tgħid li l-bank jista' jistaqsi għal (iktar) sigurtà fuq is-self jekk l-ishma tar-reġjun ta' Hessen fil-kumpanija Hessische Staatsweingüter GmbH jonqsu għal inqas minn 51 %.

(55) Fil-kummenti tagħha, il-parti interessata, li kienet kontra l-bini tal-kantina l-ġdida tal-inbid, qajmet erba' punti, li kienu l-fażi ta' tħejjija mill-2002 sal-2006, il-punti dgħajfa tal-pjan tan-negozju, l-investimenti li ma kinux imniżżlin fil-pjan tan-negozju u d-derogi skont l-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE.

**Il-fażi ta' tħejjija mill-2002 sal-2006**

(56) Skont il-parti interessata, kien ċar saħansitra minn qabel ma ngħata l-finanzjament tal-kantina l-ġdida li l-gvern tar-reġjun ta' Hessen ma kienx se jaġixxi bħal investitur fl-ekonomija tas-suq. Bħala prova ta' din l-istqarrija tressqu l-kummenti li ġejjin:

(a) il-membri tal-bord tad-diretturi tal-kumpanija GmbH ġejjin kważi kollha mis-settur pubbliku. Membru wieħed biss huwa mis-settur privat;

(b) ma tqieset l-ebda alternattiva ħlief dik tal-bini ta' kantina ġdida (jiġifieri r-restawr tal-kantina l-qadima);

(c) ma tqiesu l-ebda azjendi agrikoli oħra Ġermaniżi li jkabbru l-għeneb għal għanijiet ta' tqabbil, speċjalment dawk tar-reġjun ta' Rheinland-Pfalz, li wara snin sħaħ jagħmlu telf fl-aħħar kienu nbiegħu;

(d) l-injezzjonijiet tal-kapital li saru qabel ingħataw mingħajr rekwiżiti dwar il-qligħ minnhom (fatt li juri li l-gvern tar-reġjun u l-bord tad-diretturi ma kinux jemmnu li l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen kienu ekonomikament vijabbli);

(e) l-ishma tal-kapital proprju għall-finanzjament tal-kantina l-ġdida nbidlu f'self min-naħa tal-azzjonisti biss wara li kien hemm kuntatt mal-Kummissjoni.

(57) Barra minn hekk, il-parti interessata tistaqsi wkoll sa liema punt il-kumpanija GmbH laħqet il-miri tagħha għas-sena 2005/2006 permezz ta' xi tip ta' dħul speċjali.

**Il-punti dgħajfa tal-pjan tan-negozju**

(58) Skont il-parti interessata, mill-pjan tan-negozju ta' Ottubru 2006, li fih is-self min-naħa tal-azzjonisti, wieħed ma jistax jagħti prova li l-injezzjonijiet tal-kapital tal-2003 u l-2004 u l-finanzjament tal-kapital proprju tal-kantina l-ġdida tal-inbid saru skont il-prinċipju tal-investitur fl-ekonomija tas-suq. Bħala prova ta' din l-istqarrija tressqu l-kummenti li ġejjin:

(a) fil-pjan tan-negozju ma tqisitx il-possibbiltà li l-kwalità u l-kwantità tal-ħsad jistgħu jvarjaw;

(b) il-pjan tan-negozju jassumi li l-ammont kollu ta' prodotti mmanifatturati jista' jinbiegħ (waqt li wieħed irid inaqqas 3 % għar-riskji tat-tnaqqis u tal-kwalità);

(c) il-pjan tan-negozju ma jqisx ir-riskji marbutin max-xiri tal-għeneb, tal-most u tal-inbid minħabba ċ-ċaqliq fis-suq;

(d) ma tqiesx il-finanzjament tat-tali xiri estern;

(e) il-pjan tan-negozju ma jagħmilx differenza bejn il-prezz tal-bejgħ tal-inbid magħmul mill-kumpanija stess u dak ta' nbid magħmul mill-prodotti mixtrija (skont il-parti interessata, fil-pjan tan-negozju kellu jitniżżel prezz medju tal-bejgħ tal-inbid magħmul mill-prodotti mixtrija ta' mhux iktar minn EUR 5);

(f) il-presuppożizzjonijiet dwar l-użu tal-materjal mhumiex realistiċi, għax ma jirriflettux iż-żidiet li probabbli jkun hemm fil-prezz tal-fliexken;

(g) għall-parti interessata, mhux ċar jekk il-finanzjament tal-investimenti ta' bdil tqiesx fil-pjan tan-negozju bħala deprezzament.

(59) Abbażi ta' dawn il-kummenti, il-parti interessata ressqet kalkolu ieħor għall-2014. Jekk wieħed jassumi li hemm tnaqqis ta' 3 % fuq il-prodotti magħmul mill-kumpanija stess, li jammontaw għal 1.1 miljun litru, li hemm prezz tal-bejgħ ta' EUR 5 għat-300 000 litru ta' nbid mixtri u spejjeż ta' EUR 1,80 għall-użu tal-materjali għal kull litru tal-inbid, fl-2014 in-negozju tas-soltu tal-kumpanija GmbH se jwassal għal telf ta' EUR 900 000 u mhux għall-qligħ previst ta' EUR 164 000. Skont il-parti interessata, il-pjan tan-negozju mhu stabbli xejn u ma jqisx biżżejjed iċ-ċaqliq li jista' jkun hemm.

**L-ispejjeż għall-amministrazzjoni u għall-ħanut tal-inbid li ma kinux imniżżlin fil-pjan tan-negozju**

(60) Skont it-tagħrif li bagħtet il-parti interessata, l-amministrazzjoni u l-ħanut tal-inbid tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen se jibqgħu fil-monasteru ta' Eberbach, li qed jiġi rrestawrat. Il-parti interessata tgħid li l-ispejjeż għal dan ir-restawr mhumiex inklużi fil-pjan tan-negozju. Skont il-parti interessata, wieħed ma jistax jeskludi l-possibbiltà tal-għoti ta' sussidji trasversali permezz ta' ħlasijiet iktar baxxi tal-kera.

(61) Barra minn hekk, il-parti interessata tgħid ukoll li l-azjendi agrikoli tas-settur privat li jkabbru l-għeneb se jkunu jistgħu jużaw il-ħanut tal-inbid ta' ġol-monasteru biss b'mod limitat bħala punt tal-bejgħ.

**Id-derogi skont l-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE**

(62) Skont il-parti interessata, il-gvern tar-reġjun ta' Hessen ma jistax juża l-argumenti li ġejjin sabiex jirċievi l-approvazzjoni li l-kontributi finanzjarji tiegħu jistgħu jitqiesu bħala għajnuna kompatibbli skont l-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE:

(a) li l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb tar-reġjun ta' Hessen qed iservu ta' eżempju għall-azjendi agrikoli tas-settur privat li jkabbru l-għeneb (il-parti interessata tikkontesta dan);

(b) il-perċezzjoni tal-attivitajiet tar-riċerka dwar il-vitikultura taċ-ċentru tar-riċerka ta' Geisenheim, li huwa tal-gvern (skont it-tagħrif mibgħut mill-parti interessata, dawn jistgħu jsiru wkoll flimkien ma' kumpaniji privati);

(c) il-ħtieġa li jinżamm il-pajsaġġ maħluq mill-bniedem, u b'mod speċjali l-għelieqi mżerżqin u weqfin imħawlin bid-dwieli (skont it-tagħrif mibgħut mill-parti interessata l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb tar-reġjun ta' Hessen jamministraw biss 20 % tal-għelieqi kollha mżerżqin u weqfin imħawlin bid-dwieli tar-reġjun).

IV. **IL-KUMMENTI TAL-ĠERMANJA**

(63) Fl-4 ta' April 2007, il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti tal-Ġermanja. Dawn isegwu l-istruttura tal-kummenti mressqa mill-parti interessata u jinkludu argumenti marbutin ma' erba' oqsma: il-gvern tar-reġjun ta' Hessen bħala investitur fl-ekonomija tas-suq; il-validità tal-pjan tan-negozju; l-alloġġjar fil-monasteru ta' Eberbach huwa meqjus fil-pjan tan-negozju u n-nuqqas ta' rilevanza tar-raġunijiet mogħtija sabiex jiġġustifikaw il-kompatibilità tal-għajnuna. Barra minn hekk, ingħata tagħrif ukoll dwar il-bejgħ tal-artijiet li kellha dik li qabel kienet l-impriża tar-reġjun ta' Hessen.

**Il-gvern tar-reġjun ta' Hessen aġixxa bħal investitur fl-ekonomija tas-suq**

(64) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, il-gvern tar-reġjun ta' Hessen aġixxa bħal investitur fl-ekonomija tas-suq saħansitra minn qabel ma nbniet il-kantina l-ġdida. L-argumenti tal-parti interessata mhumiex ibbażati fuq fatti korretti u mhumiex rilevanti mil-lat legali. Bħala prova ta' din l-istqarrija, l-awtoritajiet Ġermaniżi ressqu l-kummenti li ġejjin:

(a) bħala l-uniku azzjonist tal-kumpanija GmbH, ir-reġjun ta' Hessen ħatar rappreżentanti tar-reġjun fuq il-bord tad-diretturi, bħalma kien jagħmel kwalunkwe investitur privat. Barra minn hekk, inħatar ukoll rappreżentant mis-settur privat u b'hekk kien hemm ukoll għarfien tekniku minn barra;

(b) id-deċiżjoni biex in-negozju jiġi ttrasferit għal post ġdid u biex tinbena kantina ġdida tal-inbid ittieħdet għal raġunijiet kummerċjali u ssejset fuq analiżi tal-approċċi strateġiċi possibbli;

(c) il-gvern tar-reġjun ta' Hessen mexa fuq il-prinċipju ta' investitur fl-ekonomija tas-suq u ħa azjendi agrikoli oħra li jkabbru l-għeneb, kemm dawk medji u saħansitra wkoll dawk li jinsabu fl-aqwa post, bħala l-punt ta' riferiment tiegħu (u mhux, kif qalet il-parti interessata, azjendi agrikoli oħrajn li qed jagħmlu telf).

(65) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, l-iżvilupp ekonomiku tal-kumpanija GmbH jikkorrispondi ma' dak mogħti fil-pjan tan-negozju. Fl-2005 ma kien hemm l-ebda dħul speċjali. Il-bejgħ tal-kumpanija qabeż dak mistenni b'EUR 500 000. Id-dħul l-ieħor tal-operat, li kien ogħla, ġie mill-ħlasijiet tal-assigurazzjoni għall-ħsara mġarrba minħabba l-għargħar, iżda kien ibbilanċjat b'iktar infiq għall-persunal u għall-materjali b'rabta ma' dik il-ħsara.

(66) Skont it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Ġermaniżi, ir-riżultat għall-2006 għandu jikkorrispondi mal-pjan tan-negozju, minkejja li kemm fl-2005 u kif ukoll fl-2006, il-ħsad kien wieħed ħażin (21 % u 32 % inqas minn dak tal-2004 rispettivament).

(67) Skont it-tagħrif mibgħut, iż-żewġ deċiżjonijiet li bihom kienu tħallsu l-ewwel partijiet tal-finanzjament tal-kantina l-ġdida tal-inbid ġew irrevokati u l-ammont kollu ta' EUR 7,5 miljun ingħata bħala self min-naħa tal-azzjonisti. L-ammonti li kienu diġà tħallsu ddaħħlu b'mod retroattiv fl-ammont misluf bl-istess kundizzjonijiet. Il-baġit tar-reġjun tranġa kif xieraq.

**Il-pjan tan-negozju huwa wieħed sod**

(68) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, il-pjan tan-negozju huwa wieħed sod u huwa msejjes fuq presuppożizzjonijiet realistiċi u konservattivi. Bħala prova ta' din l-istqarrija tressqu l-kummenti li ġejjin:

(a) l-ippjanar tal-produzzjoni jissejjes fuq id-dħul medju minn ħsad medju (b'hekk tqiesu kemm il-ħsad tajjeb kif ukoll dak ħażin, kif ukoll it-tnaqqis). L-ammont ippjanat tal-produzzjoni huwa inqas minn dak medju prodott mill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Rheingau;

(b) l-ippjanar tax-xiri huwa wieħed sod. Il-kumpanija GmbH ma tixtrix inbid, iżda għeneb, abbażi ta' ftehimiet tal-kera u tat-tkabbir. L-ispejjeż ta' dan ix-xiri huma meqjusin għal kollox fil-pjan tan-negozju. Ir-riskji tal-kwalità u tal-kwantità jikkorrispondu eżatt mar-riskju tal-produzzjoni tal-kumpanija stess. L-inbid li jsir mill-għeneb mixtri skont il-ftehimiet tal-kera u tat-tkabbir jista' jitqiegħed fis-suq f'isem il-kumpanija GmbH u bit-tabelli tagħha (impoġġi fil-fliexken mill-produttur). Il-pjan tan-negozju jqis ukoll il-fatt li l-kantina l-ġdida tal-inbid tkun vojta għal xi żmien u sa xi estent jew ieħor matul il-perjodu mill-2007 sal-2010;

(c) il-presuppożizzjonijiet li fuqhom huwa msejjes il-kalkolu ta' kemm jintużaw materjali huma tajbin. L-ekonomiji tal-iskala u t-titjib fl-effiċjenza se jwasslu biex jiġu ffrankati l-ispejjeż, ħaġa li diġà bdiet tiġri b'mod parzjali fl-2005/2006;

(d) il-pjan tan-negozju huwa msejjes fuq presuppożizzjonijiet bażiċi realistiċi u konservattivi, kif ġie kkonfermat ukoll mill-kumpanija KPMG. Il-fatt li l-bank "Commerzbank" qed jagħti self kummerċjali għall-finanzjament ta' parti mill-fondi għall-kantina l-ġdida tal-inbid jikkonferma kemm il-pjan tan-negozju jista' jsir;

(e) il-pjan tan-negozju jqis l-investimenti ta' bdil bħala nfiq tal-kapital u deprezzament.

**L-ispejjeż għall-alloġġjar fil-monasteru ta' Eberbach huma meqjusin għal kollox fil-pjan tan-negozju**

(69) Skont it-tagħrif mibgħut, ir-restawr tal-monasteru ta' Eberbach, li probabbli jieħu iktar minn 25 sena, mhux qed isir sabiex dan jibda jingħadd mal-assi finanzjarji tal-kumpanija GmbH imma sabiex dan il-monument kulturali jinżamm fi stat tajjeb. Il-kumpanija GmbH se tikri kmamar għall-amministrazzjoni tagħha u għall-ħanut tal-inbid bil-kundizzjonijiet tas-suq. S'issa għadu ma ġiex konkluż ftehim bejn il-kumpanija GmbH u l-fondazzjoni tal-monasteru ta' Eberbach. Il-pjan tan-negozju jinkludi l-istimi tal-ħlas tal-kera.

**Ir-raġunijiet mogħtija mill-parti interessata bħala ġustifikazzjoni mhumiex rilevanti**

(70) Skont it-tagħrif mibgħut, il-finanzjament tal-kantina l-ġdida tal-inbid ma jikkostitwix għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE, minħabba li l-gvern tar-reġjun ta' Hessen aġixxa bħal investitur privat. B'hekk, l-argumenti li l-parti interessata tgħid li r-reġjun ta' Hessen se juża biex jiġġustifika xi ħlas tal-għajnuna mhumiex rilevanti hawnhekk.

**Il-bejgħ tal-artijiet li kellha dik li qabel kienet l-impriża tar-reġjun ta' Hessen**

(71) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Ġermaniżi għarrfu lill-Kummissjoni li nbiegħu xi artijiet li kellha dik li qabel kienet l-impriża tar-reġjun ta' Hessen li kienu jiswew EUR 2 959 675 u l-qligħ minnhom iddaħħal fil-baġit tar-reġjun.

## V. IL-VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

**L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat**

(72) L-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen jipproduċu u jbigħu l-inbid. Skont l-Artikolu 71 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid ([6]), l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat tal-KE għandhom japplikaw għall-produzzjoni tal-prodotti li jaqgħu fi ħdanha u għall-kummerċ tagħhom. B'hekk, il-miżuri li qed jiġu diskussi hawnhekk iridu jiġu analizzati fil-kuntest tar-regoli dwar l-għajunua mill-Istat.

**L-għoti ta' għajnuna skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE**

(73) Skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE, kull għajnuna ta' kwalunkwe forma li tingħata minn Stat Membru jew permezz tar-riżorsi tal-Istat, li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti għandha, safejn din tkun teffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, titqies bħala għajnuna li mhijiex kompatibbli mas-suq komuni.

(74) Skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, l-għajnuna mogħtija lil impriża tista' teffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri jekk dik l-impriża tkun qed topera f'suq miftuħ għall-kummerċ ġol-Komunità ([7]). L-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen jipproduċu u jbigħu l-inbid u għalhekk jaħdmu f'suq internazzjonali kompetittiv ferm ([8]). Il-miżuri kkonċernati jużaw ir-riżorsi tal-istat (ġejjin mill-baġit tar-reġjun ta' Hessen) u għalhekk huma selettivi, minħabba li jolqtu impriża waħda biss. Għalhekk, wieħed għandu janalizza jekk il-miżuri kkonċernati tawx jew hux qed jagħtu vantaġġ lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen, li jfixkel il-kompetizzjoni u jeffettwa l-kummerċ, u b'hekk jikkostitwux għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE. Sabiex wieħed jeżamina jekk il-miżura rispettiva tagħtix vantaġġ jew le, wieħed għandu juża l-prinċipju tal-investitur fl-ekonomija tas-suq ([9]).

**Il-miżuri ta' qabel il-31 ta' Diċembru 2002**

(75) L-investigazzjoni kkonfermat li r-reġjun ta' Hessen ta vantaġġ lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun meta għamel tajjeb għat-telf tagħhom, u b'hekk il-miżura kkonċernata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

---

([6]) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1.

([7]) Ara b'mod speċjali s-sentenza tal-Qorti tat-13 ta' Lulju 1988 fil-Każ 102/87, Franza vs. il-Kummissjoni [1988], Ġabra I-4067.

([8]) Ġol-Komunità jsir ħafna negozju tal-inbid. Madwar 20 % tal-inbid prodott fl-UE-25 jiġi nnegozjat ġol-Komunità. Fl-2005, ġew innegozjati fil-Komunità madwar 37.1 miljun ettolitru (bħala dħul) u madwar 38.8 miljun ettolitru (bħala ħruġ) rispettivament (fl-UE-25). Fl-2004/2005, il-Ġermanja pproduċiet madwar 5,5 % tal-inbid kollu prodott fl-UE-25. (Ċifri maħruġin mill-Eurostat).

([9]) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 (li issa saru l-Artikoli 87 u 88) tat-Trattat tal-KEE u tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 80/723/KEE għall-impriżi tas-settur pubbliku fil-qasam tal-manifattura [titlu mhux uffiċjali] (ĠU C 307, 13.11.1993, p. 4).

(76) Għad irid jiġi analizzat jekk l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta’ Hessen setgħux jitqiesu bħala impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE meta kienu amministrati bħala parti mill-amministrazzjoni ġenerali tar-reġjun ta’ Hessen (sa tmiem l-1997) u wara bħala impriża tar-reġjun ta’ Hessen, jiġifieri bħala parti separata tal-amministrazzjoni ġenerali li iżda ma kinetx entità legali.

(77) Skont is-sentenza tal-Qorti fil-Każ C-118/85 tal-Kummissjoni vs. l-Italja ([10]), jekk stat jagħmel xi attività ekonomika, ma jimpurtax jekk dik l-attività ssirx permezz ta’ istituzzjoni oħra jew permezz ta’ istituzzjoni li tagħmel parti mill-amministrazzjoni tal-istat, biex dik l-istituzzjoni titqies bħala impriża pubblika. Għalhekk wieħed jista’ jikkonkludi li l-“Hessische Staatsweingüter” setgħu jitqiesu bħala impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE anke fil-perjodu ta’ qabel l-2003.

(78) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-perjodu li għandu jitqies għall-valutazzjoni tal-għajnuna huwa dak ta’ bejn l-1995 u l-2002. Hija tfakkar li skont l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta’ Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([11]), is-setgħat tal-Kummissjoni sabiex tirkupra l-għajnuna għandhom ikunu suġġetti għal perjodu ta’ limitazzjoni ta’ għaxar snin. Dan il-perjodu ta’ limitazzjoni jibda minn dakinhar li l-għajnuna li mhix mogħtija skont il-liġi tingħata lill-benefiċjarju. Kull azzjoni li tieħu l-Kummissjoni jew li jieħu Stat Membru li jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni b’rabta mal-għajnuna li mhix mogħtija skont il-liġi għandha twaqqaf dan il-perjodu ta’ limitazzjoni.

(79) Fid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura, il-Kummissjoni qalet li l-ewwel laqgħa li saret fis-26 ta’ Jannar 2005 bejn l-awtoritajiet tar-reġjun ta’ Hessen u l-uffiċjali tad-DĠ AGRI setgħet titqies bħala miżura li twaqqaf il-perjodu ta’ limitazzjoni mniżżel fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

(80) La l-parti interessata, fil-kummenti tagħha wara li ġiet ippubblikata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura u lanqas il-Ġermanja, fil-kummenti tagħha, ma oġġezzjonaw għal din is-sejba preliminari. Għalhekk, il-Kummissjoni tkompli tqis l-ewwel laqgħa li saret fis-26 ta’ Jannar 2005 bejn l-awtoritajiet tar-reġjun ta’ Hessen u l-uffiċjali tad-DĠ AGRI bħala miżura li waqqfet il-perjodu ta’ limitazzjoni.

(81) B’hekk, l-għajnuna kkonċernata, li r-reġjun ta’ Hessen kompla jagħti biex jagħmel tajjeb għat-telf tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f’dan ir-reġjun, hija magħmula mill-allokazzjonijiet rilevanti mogħtija bejn l-1995 u l-1997 lin-negozju tal-inbid skont is-sistema ta’ amministrazzjoni magħrufa bħala “*kameralistische Wirtschaftsführung*” (EUR 209 520) u dawk mogħtija bejn l-1998 u l-2002 lill-impriża tar-reġjun ta’ Hessen (EUR 332 339), li b’kollox jammontaw għal EUR 541 859 (ara l-premessa (22)).

(82) Barra minn hekk, permezz ta’ ittra tal-20 ta’ Diċembru 2006 (K(2006) 6605 finali), il-Kummissjoni sabet li, fil-verità, l-benefiċjarju tal-għajnuna mogħtija fl-imgħoddi donnu li kienet l-impriża msejħa “Betrieb gewerblicher Art” [istituzzjoni kummerċjali].

(83) Skont it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Ġermaniżi, l-impriża msejħa “Betrieb gewerblicher Art” hija s-suċċessur legali u ekonomiku tal-impriża tar-reġjun ta’ Hessen tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f’dan ir-reġjun, minħabba li hija s-sid legali u ekonomiku tal-assi fissi tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta’ Hessen u għalhekk għandha titqies bħala l-benefiċjarju fil-verità tal-għajnuna mogħtija fl-imgħoddi. Il-kumpanija GmbH tikri l-assi fissi li ma jistgħux jiċċaqalqu u li huma meħtieġa għall-operat mingħand l-impriża msejħa “Betrieb gewerblicher Art”. Ir-rati tal-kera ġew iffissati abbażi tar-rapporti ta’ żewġ esperti dwar il-kalkolu tal-valur tal-kera, li tressqu mill-awtoritajiet ta’ Hessen (ara l-premessa (26). Il-Kummissjoni b’hekk tqis li dawn l-assi qed jinkrew skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

(84) Iżda l-Kummissjoni tqis li l-kumpanija GmbH, li ħadet f’idejha l-amministrazzjoni tan-negozju tal-inbid u li ngħatat l-assi attwali u l-assi fissi li jistgħu jiċċaqalqu u li huma meħtieġa għall-operat tal-impriża tar-reġjun ta’ Hessen (ara l-premessa (26), ibbenefikat mill-miżuri li ttieħdu qabel il-31 ta’ Diċembru 2002 u għalhekk għandha titqies ukoll bħala benefiċjarju tal-għajnuna mogħtija fl-imgħoddi.

(85) B’hekk, ġew ikkonfermati d-dubji li wasslu lill-Kummissjoni biex tibda l-proċedura u s-sejbiet preliminari mniżżlin fid-deċiżjoni biex tinbeda l-proċedura.

**Ir-ristrutturar tan-negozju tal-inbid tar-reġjun ta’ Hessen**

(86) L-analiżi kkonfermat id-dubji li kellha l-Kummissjoni li, bl-injezzjonijiet tal-kapital, l-ewwel ta’ miljun Euro u mbagħad ta’ EUR 1 225 miljun oħra lill-kumpanija GmbH, ir-reġjun ta’ Hessen ma mexiex bħal investitur fl-ekonomija tas-suq.

(87) Skont it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Ġermaniżi, il-kapital ingħata bil-kundizzjonijiet tas-suq, la l-qligħ li kien mistenni minnu kien konformi mal-medja tal-industrija u saħansitra iktar minnha, bħalma ġie kkonfermat fir-rapport ta’ Hoffmann, waqt li l-pjan tan-negozju tal-kumpanija GmbH kien imsejjes fuq approċċ għall-ippjanar konservattiv skont il-kumpanija KPMG.

([10]) [1987], il-Ġabra I-2599.
([11]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

(88) Il-Kummissjoni tinnota li t-tali valutazzjoni hija marbuta mar-ristrutturar sħiħ, minħabba li l-awtoritajiet Ġermaniżi użaw il-qligħ fuq il-kapital proprju bħala l-punt ta' riferiment u l-kapital proprju tal-kumpanija GmbH jirrifletti l-miżuri kollha tar-ristrutturar li ttieħdu (jiġifieri mhux biss l-injezzjonijiet tal-kapital iżda wkoll l-għoti tal-assi u t-tħassir tad-dejn).

(89) Fil-kummenti tagħha, il-parti interessata tgħid li r-reġjun ta' Hessen ma aġixxiex bħal investitur fl-ekonomija tas-suq anke qabel ma ngħata l-finanzjament tal-kantina l-ġdida tal-inbid (ara l-premessa (54)). Fil-kummenti ssir referenza għall-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpanija GmbH, għall-fatt li ma tqiesu l-ebda azjendi agrikoli oħra li jkabbru l-għeneb li qed jagħmlu telf għall-għanijiet ta' tqabbil, u għall-fatt li l-injezzjonijiet tal-kapital ingħataw mingħajr rekwiżiti dwar il-qligħ minnhom, fost l-oħrajn. Barra minn hekk, il-parti interessata tikkritika l-punti allegatament dgħajfa tal-pjan tan-negozju u tgħid li l-pjan mhu stabbli xejn u ma jqisx biżżejjed iċ-ċaqliq li jista' jkun hemm.

(90) Fil-kummenti tagħhom, l-awtoritajiet Ġermaniżi jirrifjutaw l-argumenti tal-parti interessata u jgħidu li mhumiex ibbażati fuq fatti korretti u mhumiex rilevanti mil-lat legali (ara l-premessa (63)).

(91) Il-Kummissjoni tqis li t-tagħrif mogħti mill-awtoritajiet Ġermaniżi jneħħi t-tħassib tal-parti interessata u li l-pjan tan-negozju huwa wieħed sod. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, bħall-awtoritajiet Ġermaniżi, hija tal-fehma li, għall-għanijiet tal-kriterju tal-investitur fl-ekonomija tas-suq, għandhom jintużaw bħala l-punt ta' riferiment azjendi agrikoli oħrajn li jkabbru l-għeneb li jkunu simili u li jkunu qed jagħmlu qligħ (ara l-premessa (64)).

(92) B'hekk, il-Kummissjoni tgħid li l-miżuri tar-ristrutturar mittieħda mir-reġjun ta' Hessen favur il-kumpanija GmbH (l-għoti tal-assi, it-tħassir tad-dejn u ż-żewġ injezzjonijiet tal-kapital) jistgħu jitqiesu, jekk jittieħdu waħedhom, bħala miżuri aċċettabbli għal investitur li qed jopera f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Madanakollu, hija tqis li l-injezzjonijiet tal-kapital iridu jiġu analizzati fil-kuntest tal-miżuri kollha li ttieħdu, inkluż tal-kopertura għat-telf ta' qabel il-31 ta' Diċembru 2002, meta n-negozju tal-inbid kien amministrat bħala parti integrali mill-amministrazzjoni ġenerali tar-reġjun ta' Hessen, minħabba li l-kumpanija GmbH ħadet f'idejha t-tmexxija tan-negozju tal-inbid u sa ċertu punt trid titqies ukoll bħala benefiċjarju ta' din l-għajnuna li ngħatat qabel (ara l-premessa (83) ([12]).

([12]) Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Każ T-11/95 (BP Chemicals Limited *vs.* Il-Kummissjoni Ewropea, [1998], il-Ġabra II-3235), il-fatt li impriża tas-settur pubbliku tkun diġà tat ishma tal-kapital bħala "għajnuna" lil impriża sussidjarja tagħha ma jeskludix il-possibbiltà, minn qabel, li wieħed wara jagħti ishma tal-kapital li jkunu jissodisfaw il-kriterju tal-investitur fl-ekonomija tas-suq, dejjem jekk dawn l-ishma jkunu separati kif xieraq mill-ewwel ishma u jkunu jistgħu jitqiesu bħala investiment indipendenti (ara l-premessa 170 tas-sentenza tal-Qorti). Fil-paragrafu 171 tal-istess sentenza, il-Qorti tinnota li l-kronoloġija tal-għotjiet tal-ishma tal-kapital, ir-raġuni għalihom, u l-qagħda tal-kumpanija sussidjarja fiż-żmien meta ttieħdu d-deċiżjonijiet dwar kull waħda minn dawn l-għotjiet huma fost il-fatturi li jridu jitqiesu biex issir din it-tip ta' analiżi.

(93) Il-Kummissjoni tqis li b'mod partikulari t-tħassir tad-dejn ta' EUR 1 792 000, li kien marbut mad-djun li l-impriża tar-reġjun ta' Hessen kellha mar-reġjun ta' Hessen mill-ħidmiet tal-imgħoddi, kellu l-istess għan bħall-kopertura, minn żmien għall-ieħor, tad-defiċit li kien hemm qabel il-31 ta' Diċembru 2002. Għalhekk, dan it-tħassir jista' jitqies bħala l-għoti, b'mod retroattiv, ta' sussidji għall-ħidmiet tal-imgħoddi.

(94) B'hekk, f'għajnejn il-Kummissjoni, il-miżuri tar-ristrutturar ma jistgħux ikunu separati kif xieraq mill-miżuri ta' qabel il-31 ta' Diċembru 2002. Għalhekk, hija tikkonkludi li r-reġjun ta' Hessen ma mexiex bħal investitur fl-ekonomija tas-suq, meta ħa l-miżuri differenti tar-ristrutturar favur il-kumpanija GmbH (l-għoti tal-assi, it-tħassir tad-dejn u ż-żewġ injezzjonijiet tal-kapital), meta wieħed iqis l-għajnuna għall-operat li kien ta qabel lin-negozju tal-inbid tar-reġjun ta' Hessen, u li, b'hekk, dawn il-miżuri tar-ristrutturar jikkostitwixxu għajnuna mill-istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

(95) B'hekk, ġew ikkonfermati d-dubji li wasslu lill-Kummissjoni biex tibda l-proċedura u s-sejbiet preliminari mniżżlin fid-deċiżjoni biex tinbeda l-proċedura.

**Il-finanzjament tal-kapital proprju tal-kantina l-ġdida tal-inbid**

(96) F'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament tal-kapital proprju tal-kantina l-ġdida tal-inbid, l-analiżi kkonfermat id-dubji li kellha l-Kummissjoni li r-reġjun ta' Hessen ma mexiex bħal investitur fl-ekonomija tas-suq meta ta s-self min-naħa tal-azzjonisti lill-kumpanija Hessische Staatsweingüter GmbH, meta wieħed iqis l-investimenti li kien għamel qabel.

(97) Il-kummenti tal-parti interessata dwar il-punti allegatament dgħajfa tal-pjan tan-negozju għandhom x'jaqsmu wkoll mal-finanzjament tal-kantina l-ġdida tal-inbid. L-awtoritajiet Ġermaniżi kkuntestaw dawn il-kummenti fil-kummenti tagħhom (ara l-premessi (58) u (68)). F'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament tal-kantina l-ġdida tal-inbid, il-Kummissjoni wkoll hija tal-fehma li t-tagħrif mogħti mill-awtoritajiet Ġermaniżi jneħħi t-tħassib tal-parti interessata u li l-pjan tan-negozju huwa wieħed sod (ara l-premessa (91)), minħabba li jqis kemm il-possibbiltà li l-kwalità u l-kwantità tal-ħsad jistgħu jvarjaw kif ukoll il-possibbiltà ta' tnaqqis, u jinkludi l-fatturi kollha tal-ispejjeż meħtieġa (ara l-premessi (68) u (69)). Barra minn hekk, il-pjan tan-negozju ġie eżaminat mill-kumpanija KPMG, li qalet li huwa konservattiv ħafna (ara l-premessa (38)).

(98) Barra minn hekk, il-parti interessata titkellem dwar il-fatt li l-ishma tal-kapital proprju mogħtija mir-reġjun ta' Hessen għall-finanzjament tal-kantina l-ġdida nbidlu f'self min-naħa tal-azzjonisti biss wara li kien hemm kuntatt mal-Kummissjoni. Barra minn hekk, skont it-tagħrif li bagħtet, l-ispejjeż marbutin mal-amministrazzjoni u mal-ħanut tal-inbid tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen mhumiex inklużi fil-pjan tan-negozju. Skont il-parti interessata, wieħed ma jistax jeskludi l-possibbiltà tal-għoti ta' sussidji trasversali permezz ta' ħlasijiet iktar baxxi tal-kera.

(99) Fil-kummenti tagħhom, l-awtoritajiet Ġermaniżi qalu li l-ħlasijiet li kienu diġà saru b'rabta mal-kantina l-ġdida tal-inbid kienu ddaħħlu bis-sħiħ mas-self min-naħa tal-azzjonisti u kienu ngħatawlhom, b'mod retroattiv, l-istess kundizzjonijiet bħal ta' dan is-self (ara l-premessa (67)). Barra minn hekk, huma jikkjarifikaw li l-pjan tan-negozju jqis bis-sħiħ l-infiq marbut mal-kmamar tal-monasteru ta' Eberbach li se jinkrew għall-amministrazzjoni u għall-ħanut tal-inbid tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen (ara l-premessa (69)). Il-pjan tan-negozju jinkludi l-istimi tal-ħlas tal-kera. B'hekk, il-Kummissjoni tqis li l-kjarifiki mogħtija mill-awtoritajiet Ġermaniżi jistgħu jneħħu t-tħassib tal-parti interessata.

(100) Is-self min-naħa tal-azzjonisti jissejjes fuq rata tal-imgħax ta' 3,7 % fis-sena u se jkun inkluż fil-qligħ annwali tal-kumpanija (ara l-premessi (41) sa (44) għal deskrizzjoni fid-dettall tal-kundizzjonijiet tal-finanzjament). Il-Kummissjoni tqis li dawn il-kundizzjonijiet huma kundizzjonijiet tas-suq li huma aċċettabbli għal dan it-tip ta' investiment. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-bqija tal-finanzjament se jiġi minn self mill-bank mogħti bil-kundizzjonijiet tas-suq, ħaġa li turi li l-kumpanija hija ekonomikament vijabbli.

(101) B'hekk, il-Kummissjoni ssostni l-konklużjoni tagħha, mogħtija fl-ittra tagħha tal-20 ta' Diċembru 2006 (K(2006) 6605 finali), li, jekk jittieħed waħdu, is-self min-naħa tal-azzjonisti jista' jitqies bħala self mogħti b'kundizzjonijiet li huma aċċettabbli għal investitur fl-ekonomija tas-suq u għalhekk, li mhux qed jagħti vantaġġ lill-kumpanija GmbH.

(102) Madanakollu, hija tqis li l-finanzjament tal-kantina l-ġdida ma jistax ikun isseparat kif xieraq mill-għajnuna li l-kumpanija GmbH ingħatat qabel. Il-kantina l-ġdida tal-inbid kienet parti integrali mill-pjan tar-ristrutturar u trid titqies bħala miżura oħra fil-proċess tar-ristrutturar (wara t-tħassir tad-dejn u ż-żewġ injezzjonijiet tal-kapital). Barra minn hekk, il-qagħda finanzjarja u ekonomika ta' bħalissa tal-kumpanija GmbH, li ħallietha tieħu self minn bank kummerċjali għall-finanzjament ta' parti mill-fondi għall-kantina tal-inbid, ġejja mill-miżuri tar-ristrutturar meħudin mir-reġjun ta' Hessen favur il-kumpanija GmbH u għalhekk għandha tiġi vvalutata f'dan il-kuntest.

(103) B'hekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li meta r-reġjun ta' Hessen iffinanzja l-kapital proprju tal-kantina l-ġdida tal-inbid, li kien jammonta għal EUR 7,5 miljun, permezz ta' self min-naħa tal-azzjonisti li kien suġġett għal dawk il-kundizzjonijiet, ma kienx qed jaġixxi bħala investitur fl-ekonomija tas-suq fil-kuntest tal-miżuri tar-ristrutturar mogħtija qabel u għalhekk, dan is-self min-naħa tal-azzjonisti jikkostitwixxi għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

(104) B'hekk, ġew ikkonfermati d-dubji li wasslu lill-Kummissjoni biex tibda l-proċedura u s-sejbiet preliminari mniżżlin fid-deċiżjoni biex tinbeda l-proċedura.

**Id-derogi skont l-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE**

(105) Il-projbizzjoni fuq l-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) ma teskludix li ċerti tipi ta' għajnuna jistgħu jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq komuni abbażi tad-derogi li dwarhom hemm dispożizzjoni fil-paragrafi (2) u (3) tal-istess Artikolu.

(106) Wieħed ma jistax jgħid li l-miżuri kkonċernati għandhom natura soċjali jew li jagħmlu tajjeb għall-ħsarat ikkawżati minn diżastri naturali, u b'hekk ma jistax jiġi invokat l-Artikolu 87(2)(a) jew (b) tat-Trattat tal-KE. Bl-istess mod, il-miżuri ma jidhrux li huma maħsubin sabiex jinkuraġġixxu l-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni fejn il-livell tal-għajxien huwa baxx ħafna iktar min-normal, jew biex jinkuraġġixxu t-twettiq ta' proġett ta' interess komuni Ewropew jew il-kultura jew iż-żamma tal-wirt kulturali. B'hekk, id-derogi li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 87(3)(a), (b) u (d) tat-Trattat tal-KE ma jistgħux jintużaw f'dan il-każ.

(107) B'applikazzjoni tad-derogi skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE, il-Kummissjoni tista' tqis li għajnuna hija kompatibbli mas-suq komuni jekk din l-għajnuna tkun tinkuraġġixxi l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi, u sakemm din ma teffettwax ħażin il-kundizzjonijiet tal-kummerċ bejn l-Istati Membri b'tali mod li tmur kontra l-interess komuni.

**Il-miżuri ta' qabel il-31 ta' Diċembru 2002**

(108) Skont il-paragrafu 15 tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-oqsma tal-agrikultura u tal-forestrija mill-2007 sal-2013 ([13]), l-għajnuna jrid ikun fiha xi tip ta' inċentiv jew trid tkun teħtieġ lill-benefiċjarju jagħti xi tip ta' servizz lura bħala kumpens għal dik li jkun irċieva sabiex din titqies li hija kompatibbli mas-suq komuni. Miżuri unilaterali tal-għajnuna mill-istat li jkunu maħsubin biss biex itejbu l-qagħda finanzjarja ta' produttur imma li ma jwasslu bl-ebda mod għal xi żvilupp fis-settur, għandhom jitqiesu bħala għajnuna għall-operat li mhijiex kompatibbli mas-suq komuni.

([13]) ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.

(109) Il-Kummissjoni tinnota li mhux ċar li l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen kellhom jitqiesu bħala kumpanija f'diffikultà fil-perjodu ta' qabel l-2003. Huwa veru li l-ammont ta' EUR 541 859 li r-reġjun ta' Hessen ta bejn l-1995 u l-2002 lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun jikkostitwixxi għajnuna għall-operat. Madanakollu, dan mhux bilfors ifisser li l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun kienu kumpanija f'diffikultà li ma kinetx f'qagħda li tissellef iktar flus bil-kundizzjonijiet tas-suq. Barra minn hekk, il-miżuri ta' kopertura minn żmien għall-ieħor tad-defiċit kienu miżuri *ad hoc* u ma kinux imsejsin fuq pjan tar-ristrutturar. Dawn il-miżuri twettqu ferm qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni dwar ir-ristrutturar. L-aħħar kopertura tad-defiċit, li hija inkluża fl-ammont ta' EUR 541 859, saret fl-1999 (ara l-premessa (21)), filwaqt li t-tħejjijiet għar-ristrutturar bdew biss fl-2001, l-abbozz tal-pjan tar-ristrutturar inkiteb biss minn Ġunju tal-2002 u d-deċiżjoni uffiċjali dwar ir-ristrutturar ittieħdet fl-10 ta' Diċembru 2002 (ara d-deskrizzjoni tar-ristrutturar mogħtiha fil-premessi (23) sa (38) u b'mod speċjali l-premessa (28)). B'hekk, il-kopertura tad-defiċit ma tistax titqies bħala parti mill-proċess tar-ristrutturar, li fil-verità nbeda fil-31 ta' Diċembru 2002.

(110) Barra minn hekk, din l-għajnuna ma kienet marbuta mal-ebda investiment, taħriġ, ħolqien tal-impjiegi jew mal-ħtieġa li l-benefiċjarju jagħti xi tip ta' servizz lura bħala kumpens għal dik li jkun irċieva. L-għan tal-għajnuna kien biss li ttejjeb il-qagħda finanzjarja tal-benefiċjarju.

(111) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li din l-għajnuna tikkostitwixxi għajnuna għall-operat li mhijiex kompatibbli mas-suq komuni.

(112) Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Ġermanja ma għarrfithiex dwar l-għajnuna skont l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE, u li, minflok, hija implimentata kontra l-liġi.

**Ir-ristrutturar tan-negozju tal-inbid tar-reġjun ta' Hessen u l-finanzjament tal-kapital proprju tal-kantina l-ġdida**

(113) La nstab li, fil-kuntest tal-miżuri tar-ristrutturar mogħtija qabel, il-finanzjament tal-kapital proprju tal-kantina l-ġdida tal-inbid jikkostitwixxi għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE (ara l-premessa (103)), minn hawn 'il quddiem dan qed jiġi vvalutat bħala parti mill-miżuri tar-ristrutturar.

(114) Is-soltu, l-għajnuna għar-ristrutturar tal-kumpaniji f'diffikultà trid tiġi analizzata abbażi tal-linji gwida tal-2004 tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex jiġu salvati u rristrutturati l-kumpaniji f'diffikultà ([14]). Madanakollu, skont il-paragrafi 103 u 104 ta' dawn il-linji gwida, il-Kummissjoni tanalizza l-għajnuna mgħarrfa qabel l-10 ta' Ottubru 2004 kif ukoll l-għajnuna sabiex jiġu salvati jew irristrutturati l-kumpaniji li ma tkunx ġiet mgħarrfa abbażi tal-linji gwida li jkunu fis-seħħ meta tiġi mgħarrfa l-għajnuna u meta tingħata.

([14]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

(115) Il-miżuri tar-ristrutturar favur il-kumpanija GmbH li kienet għad trid titwaqqaf ġew deċiżi b'mod formali permezz ta' deċiżjoni tal-Kabinett tal-10 ta' Diċembru 2002 (ara l-premessi (28) sa (33)). Għalhekk, din id-data għandha titqies bħala d-data ta' meta ngħatat l-għajnuna. Dak iż-żmien, kienu fis-seħħ il-linji gwida tal-1999 tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex jiġu salvati u rristrutturati l-kumpaniji f'diffikultà ([15]) (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-linji gwida dwar ir-ristrutturar"). Il-Kapitolu 3.2 ta' dawn il-linji gwida fih id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-għajnuna għar-ristrutturar.

*L-eliġibbiltà għall-għajnuna*

(116) Skont il-paragrafu 30 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar, il-kumpanija trid tikkwalifika bħala kumpanija f'diffikultà sabiex tkun eliġibbli għall-għajnuna għar-ristrutturar.

(117) Skont il-paragrafu 4 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar, il-Kummissjoni tqis li kumpanija tkun f'diffikultà meta din ma tkunx tista', permezz tar-riżorsi tagħha jew permezz ta' fondi li tista' takkwista mingħand is-sidien/l-azzjonisti jew il-kredituri tagħha, tagħmel tajjeb għal telf li, mingħajr għajnuna esterna mill-awtoritajiet pubbliċi, kważi ċertament se jwassalha biex tfalli malajr jew dalwaqt.

(118) F'dan il-każ, sa minn mindu twaqqfet fil-bidu tal-2003, il-kumpanija GmbH kellha bażi finanzjarja tajba (ara l-premessa (32)). Madanakollu, il-karta tal-bilanċ tal-ftuħ diġà kienet tirrifletti l-qagħda wara li kienu ġew implimentati l-biċċa l-kbira tal-miżuri tar-ristrutturar (l-għoti tal-assi, it-tħassir tad-dejn u l-ewwel injezzjoni tal-kapital). Anke f'dawn iċ-ċirkustanzi l-kumpanija GmbH ma kinetx se tkun f'qagħda li tagħmel tajjeb għat-telf tagħha sa meta kien ippjanat li tibda tagħmel biżżejjed qligħ biex tkopri l-ispejjeż kollha bir-rizorsi tagħha stess. Fil-pjan tan-negozju ta' Ġunju tal-2002, ġie stmat li l-allokazzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu koperti l-ħtiġijiet tal-likwidità matul l-ewwel snin tar-ristrutturar kienu ta' madwar EUR 4,3 miljun (ara l-premessa (26)). Skont il-mudell rivedut ta' Settembru tal-2002, kienu se jkunu meħtieġa EUR 3,4 miljun oħra (ara l-premessa (27)). Minkejja l-bażi pjuttost soda tal-kapital proprju tal-kumpanija GmbH (kapital proprju ta' madwar EUR 7,6 miljun b'kollox, li huwa madwar 91 % tal-ammont totali tal-karta tal-bilanċ), il-kumpanija wisq probabbli xorta ma kinetx ħa tkun f'qagħda li tkopri l-ħtiġijiet tal-likwidità tagħha sa ma tibda tagħmel qligħ bir-riżorsi tagħha stess. Barra minn hekk, wisq probabbli li l-kumpanija GmbH ma kienx se jirnexxilha tikseb fondi esterni għall-attivitajiet tagħha li kienu għaddejjin li kieku r-reġjun ta' Hessen ma tax il-garanzija tiegħu. Ladarba ntwera li l-kontributi tal-azzjonisti fil-kuntest tal-miżuri tar-ristrutturar ma ngħatawx b'kundizzjonijiet li huma aċċettabbli għal investitur fl-ekonomija tas-suq (ara l-premessa (94)), kwalunkwe fondi mogħtija mir-reġjun ta' Hessen f'dan il-kuntest għandhom jitqiesu bħala fondi li jinkludu element ta' għajnuna u ma jistgħux jintużaw bħala prova li l-kumpanija kienet f'qagħda li ssalva mingħajr l-intervent pubbliku.

([15]) ĠU C 288, 9.10.1999, p. 2.

(119) Għaldaqstant, il-kumpanija GmbH tista' titqies bħala kumpanija f'diffikultà skont il-paragrafu 4 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar, sa minn mindu twaqqfet.

(120) Skont il-paragrafu 7 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar, kumpanija li għadha kemm inħolqot mhix eliġibbli għal għajnuna biex tiġi salvata jew irristrutturata, anke jekk il-pożizzjoni finanzjarja inizjali tagħha mhijiex ċerta. Madanakollu, skont in-nota ta' qiegħ il-paġna nru 9 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar, it-twaqqif minn kumpanija ta' kumpanija sussidjarja sempliċiment sabiex din tirċievi l-assi u possibbilment l-obbligazzjonijiet tagħha mhux meqjus bħala l-ħolqien ta' kumpanija ġdida.

(121) F'dan il-każ, il-kumpanija GmbH twaqqfet fl-1 ta' Jannar 2003 u b'hekk kienet taqa' fi ħdan it-tifsira ta' kumpanija li għadha kemm inħolqot fiż-żmien meta ttieħdu l-miżuri tar-ristrutturar. Madanakollu, l-assi fissi li ma jistgħux jiċċaqalqu baqgħu f'idejn ir-reġjun ta' Hessen (iddaħħlu fl-impriża msejħa "Betrieb gewerblicher Art") u nkrew lill-kumpanija GmbH, filwaqt li l-assi attwali u l-assi fissi li jistgħu jiċċaqalqu u li huma meħtieġa għall-operat, li b'kollox kellhom valur ta' madwar EUR 7,3 miljun, kif ukoll xi ftit mill-obbligazzjonijiet tat-terminu qasir u mid-dispożizzjonijiet ġew ittrasferiti lill-kumpanija GmbH. B'hekk, il-kumpanija GmbH tista' titqies bħala kumpanija sussidjarja, li twaqqfet sempliċiment sabiex tieħu f'idejha ċerti assi u obbligazzjonijiet tal-impriża tar-reġjun ta' Hessen. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-kumpanija GmbH hija koperta mid-deroga mogħtija fin-nota ta' qiegħ il-paġna nru 9 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar u għalhekk hija eliġibbli fil-prinċipju għall-għajnuna għar-ristrutturar skont il-paragrafu 30 tal-istess linji gwida.

*Ir-restawr tal-vijabbiltà*

(122) Skont il-paragrafi 31 sa 34 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar, l-għoti tal-għajnuna huwa marbut mal-implimentazzjoni ta' pjan tar-ristrutturar. Il-pjan tar-ristrutturar, li jrid jieħu l-inqas żmien possibbli, għandu jwassal sabiex, fi żmien raġonevoli u abbażi ta' presuppożizzjonijiet realistiċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tal-operat fil-ġejjieni, il-kumpanija terġa' tkun vijabbli fit-tul. Il-pjan tar-ristrutturar għandu jipproponi tibdil fil-kumpanija b'tali mod li wara li jkun tlesta r-ristrutturar, din tkun tista' tkopri l-ispejjeż kollha tagħha, inklużi d-deprezzament u l-ispejjeż finanzjarji. Il-qligħ mistenni fuq il-kapital proprju jrid ikun biżżejjed sabiex il-kumpanija rristrutturata tkun tista' tikkompeti fis-suq fuq il-merti tagħha stess.

(123) F'dan il-każ, huwa u jitħejja r-ristrutturar, minn Awwissu sa Novembru tal-2001, inkiteb abbozz ta' dokument ta' strateġija (imsejjaħ "Analiżi tas-sitwazzjoni u l-prospetti għall-iżvilupp"), li fih ġew ippreżentati xenarji differenti tal-iżvilupp tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb li jista' jkun hemm iktar 'il quddiem (ara l-premessa (23)). Abbażi ta' dan id-dokument, f'Ġunju tal-2002 tħejja pjan tan-negozju għax-xenarji differenti. L-unika għażla strateġika li kienet se tgħin lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen jagħmlu qligħ fit-tul kienet il-bini ta' kantina ġdida tal-inbid fiż-żona fejn hemm l-imħażen tal-vinji ta' Steinberg u t-trasferiment tal-amministrazzjoni u tal-ħanut tal-inbid lejn il-monasteru ta' Eberbach. Din l-għażla tippresupponi li r-reġjun se jkollu jagħmel tajjeb għad-djun li kien hemm sa tmiem l-2002 min-negozju tal-inbid. L-ispiża tal-investiment sabiex tinbena l-kantina l-ġdida tal-inbid b'kollox hija mistennija li tkun ta' EUR 15-il miljun, u l-fondi għaliha għandhom jiġu parti mill-bejgħ ta' artijiet li mhumiex meħtieġa għall-operat u parti mill-kapital misluf. Skont il-mudell tal-pjan tan-negozju, għall-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen, l-ewwel marġni pożittiv ta' kontribut kien se jkun fis-sena finanzjarja tal-2006/2007, waqt li l-ewwel sitwazzjoni ta' likwidità pożittiva kienet se tkun fis-sena finanzjarja tal-2008/2009. Minħabba li l-qagħda tas-suq inbidlet, kif ukoll minħabba kundizzjonijiet oħrajn, il-mudell finanzjarju kellu jiġi rivedut f'Settembru tal-2002, u b'hekk tbassar li l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen kienu se jdumu iktar biex jibdew jagħmlu qligħ milli kien intqal fil-mudell ta' Ġunju tal-2002. Permezz ta' deċiżjoni tal-Kabinett tal-10 ta' Diċembru 2002, il-gvern tar-reġjun ta' Hessen iddeċieda li jagħżel din l-għażla strateġika (ara l-premessi (24) sa (28)).

(124) Il-pjan tan-negozju ta' Settembru tal-2002 ġie aġġornat mill-ġdid fi Frar tal-2003 (u ġie estiż sabiex jinkludi l-ippjanar sħiħ tal-qligħ u t-telf), u mbagħad ukoll f'Novembru tal-2003. Il-pjan tan-negozju ta' Novembru tal-2003 antiċipa li l-ewwel EBITDA ([16]) pożittiv kien se jkun fis-sena finanzjarja tal-2007, li l-ewwel sitwazzjoni ta' likwidità pożittiva kienet se tkun fl-2010 u li se jibda jkun hemm dħul nett sa mill-2014 'il quddiem. Skont it-tagħrif mibgħut, il-mudell finanzjarju ta' bażi kien se jwassal għal dħul fuq il-kapital proprju (abbażi tad-dħul qabel ma titnaqqas it-taxxa) ta' iktar minn 3 % fl-2016, u kien se jilħaq livell ta' iktar minn 7 % mill-2019 'il quddiem.

(125) Il-Kummissjoni tqis li l-pjan tar-ristrutturar li l-gvern tar-reġjun ta' Hessen iddeċieda dwaru f'Diċembru tal-2002 jagħmilha possibbli għall-kumpanija GmbH biex, fi żmien raġonevoli u abbażi ta' presuppożizzjonijiet realistiċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tal-operat fil-ġejjieni, terġa' tkun vijabbli fit-tul.

(126) Barra minn hekk, hija tqis li l-qligħ mistenni fuq il-kapital proprju tal-kumpanija rristrutturata huwa biżżejjed sabiex din tkun tista' tikkompeti fis-suq fuq il-merti tagħha stess. B'rabta ma' dan, il-Kummissjoni tirreferi wkoll għar-rapport ta' Hoffmann li bagħtulha l-awtoritajiet ta' Hessen. Dan ir-rapport jgħid li l-qligħ medju fuq il-kapital proprju tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb li jistgħu jitqabblu ma' dawk li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen huwa ta' madwar 2 % sa 3 %. Barra minn hekk, skont dan ir-rapport, l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb ristrutturati jew l-investimenti fit-tul fuq skala kbira se jdumu mill-inqas għaxar snin u, bħala medja, bejn għaxar u ħmistax-il sena, sa ma jibdew jagħmlu biżżejjed qligħ biex ikopru l-ispejjeż kollha (ara l-premessi (35) sa (37)). Skont it-tagħrif mibgħut, il-pjan tan-negozju ta' Frar tal-2003 ġie eżaminat mill-kumpanija KPMG, li qalet li huwa konservattiv ħafna f'termini tal-agħar każ possibbli (ara l-premessa (38)).

([16]) L-"Earnings before interest, tax, depreciation and amortization" (id-dħul qabel ma jitnaqqsu l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-amortizzament).

(127) Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-pjan jipproponi tibdil fil-kumpanija b'tali mod li wara li jkun tlesta r-ristrutturar, din tkun tista' tkopri l-ispejjeż kollha tagħha, inklużi d-deprezzament u l-ispejjeż finanzjarji u tkun tista' terġa' tibda tagħmel qligħ fit-tul (ara l-premessa (30)).

(128) Għalhekk, il-pjan tar-ristrutturar ta' bażi huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 31 u 34 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar.

*Il-prevenzjoni ta' kull tfixkil żejjed tal-kompetizzjoni*

(129) Skont il-paragrafi 35 sa 39 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar, iridu jittieħdu miżuri biex ipattu kemm jista' jkun għall-effetti negattivi li l-għajnuna tista' tħalli fuq il-kompetituri, u ġeneralment dawn il-miżuri jieħdu l-forma ta' limitazzjoni fuq il-preżenza li l-kumpanija jista' jkollha fis-suq jew fis-swieq tagħha wara t-tmiem tal-perjodu tar-ristrutturar. Madanakollu, il-Kummissjoni tqis li, fejn is-sehem tal-kumpanija fis-suq rilevanti jkun negliġibbli, m'hemm l-ebda tagħwiġ mhux xieraq tal-kompetizzjoni (ara l-premessa 36 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar).

(130) Skont it-tagħrif mibgħut, l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen għandhom żona ta' madwar 190 ettaru bid-dwieli u għalhekk għandhom l-ikbar medda ta' għelieqi bid-dwieli fil-Ġermanja. Fil-pjan tan-negozju ta' Ġunju tal-2002, ġie stmat li l-kumpanija GmbH għandha volum tal-bejgħ ta' madwar miljun litru fis-sena. Skont it-tagħrif mibgħut, qabel l-2003 l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen kienu jkabbru l-iktar l-għeneb tat-tip "Riesling". Fil-livell tal-UE (l-UE-25) fl-2002/2003 ġew prodotti madwar 15.6 biljun litru ta' nbid ([17]). L-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen ipproduċew inqas minn 0,01 % ta' dan l-ammont totali tal-produzzjoni. Skont it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Ġermaniżi, fl-Unjoni Ewropea b'kollox hemm 26 413-il ettaru mħawlin bid-dwieli tat-tip "Riesling" (li l-biċċa l-kbira tagħhom, eżattament 21 197 ettaru, jinsabu fil-Ġermanja). L-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen għandhom żona ta' madwar 190 ettaru bid-dwieli, li jiġu madwar 0.7 % taż-żona kollha tal-Unjoni Ewropea li hija mħawla bid-dwieli tat-tip "Riesling". Għaldaqstant, wieħed jista' jqis li dawn għandhom sehem negliġibbli mis-suq u li, f'dan il-każ, m'hemmx bżonn jiġu applikati l-miżuri obbligatorji ta' kumpens.

(131) Minkejja dan, il-Kummissjoni tassumi li l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen mhux se jirċievu iktar għajnuna matul il-perjodu tar-ristrutturar (jiġifieri sal-2014, skont il-pjan tan-negozju aġġornat f'Novembru tal-2003), skont il-possibbiltà mogħtija fil-paragrafu 42(iii) tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar.

*Għajnuna limitata għall-minimu*

(132) Skont il-paragrafi 40 u 41 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar, l-ammont u l-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu limitati għall-minimu li hemm bżonn biex jitwettaq ir-ristrutturar. Għalhekk, dawk li jibbenefikaw mill-għajnuna huma mistennija jagħtu kontribut sinifikanti lill-pjan tar-ristrutturar mir-riżorsi tagħhom stess, inkluż mill-bejgħ ta' assi li mhumiex neċessarji għas-sopravivenza tal-kumpanija, jew permezz ta' finanzjament estern bil-kundizzjonijiet tas-suq. L-ammont tal-għajnuna u l-forma li fiha tingħata għandhom ikunu b'mod li jevitaw li l-kumpanija tingħata flus li ma għandhiex bżonn u li jistgħu jintużaw f'attivitajiet aggressivi u li jgħawġu l-andament tas-suq li mhumiex marbutin mal-proċess tar-ristutturar. L-ebda għajnuna ma għandha tmur biex tiffinanzja investiment ġdid li mhuwiex essenzjali biex il-kumpanija terġa' ssir vijabbli. Il-Kummissjoni għandha tintwera li l-għajnuna se tintuża biss sabiex il-kumpanija terġa' ssir vijabbli u li mhux se twassal biex dak li jibbenefika mill-għajnuna jkun jista', waqt l-implimentazzjoni tal-pjan tar-ristrutturar, jespandi l-kapaċità produttiva tiegħu, ħlief fejn dan ikun essenzjali biex il-kumpanija terġa' ssir vijabbli u ma jfixkilx bla bżonn il-kompetizzjoni.

(133) Huwa u jitħejja r-ristrutturar, tqiesu tliet għażliet strateġiċi, li kienu r-restawr bil-mod il-mod tal-bini l-antik f'Eltville, l-bini ta' kantina ġdida tal-inbid f'Eltville u l-bini ta' kantina ġdida tal-inbid fiż-żona fejn hemm l-imħażen tal-għelieqi tal-għeneb ta' Steinberg (ara l-premessi (24) sa (26)). Il-Kummissjoni tagħraf li l-unika għażla strateġika li kienet se tgħin lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen jagħmlu qligħ fit-tul kienet il-bini ta' kantina ġdida tal-inbid fiż-żona fejn hemm l-imħażen tal-vinji ta' Steinberg u t-trasferiment tal-amministrazzjoni ta' dawn l-azjendi agrikoli u tal-ħanut tal-inbid tagħhom lejn il-monasteru ta' Eberbach (ara l-premessa (26)). Skont it-tagħrif mibgħut, il-kantina l-ġdida tagħmilha possibbli għall-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen biex jipproduċu nbid aħmar ta' kwalità għolja. B'hekk il-Kummissjoni tqis li t-tkabbir tal-kapaċità produttiva ppjanat fil-pjan tar-ristrutturar huwa essenzjali biex il-kumpanija terġa' ssir vijabbli. Barra minn hekk, hija tqis li l-għajnuna hija limitata għall-minimu li hemm bżonn biex jitwettaq ir-ristrutturar. Meta twaqqfet fl-1 ta' Jannar 2003, il-kumpanija GmbH ingħatat l-ewwel injezzjoni tal-kapital, li kienet ta' miljun Euro. Barra minn hekk, skont il-karta tal-bilanċ mibgħuta, hija kellha madwar EUR 538 000 fi flus. Madanakollu, skont il-pjan tan-negozju, il-kumpanija GmbH ma kien se jkollha l-ebda sitwazzjoni ta' likwidità pożittiva qabel is-sena finanzjarja tal-2008/2009. L-allokazzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu koperti l-ħtiġijiet tal-likwidità matul l-ewwel snin tal-operat tal-kumpanija GmbH ġew stmati li kienu ħa jkunu b'kollox ta' EUR 4,3 sa 7,7 miljuni iktar. B'hekk, wieħed jista' jgħid li l-kumpanija, minkejja li ngħatat l-ewwel injezzjoni tal-kapital, ma kellhiex flus iktar milli biżżejjed li setgħet tużahom f'attivitajiet aggressivi u li jgħawġu l-andament tas-suq li mhumiex marbutin mal-proċess tar-ristutturar.

([17]) Ċifri maħruġin mill-Eurostat.

(134) Il-kantina l-ġdida tal-inbid, li se tiswa b'kollox investiment ta' madwar EUR 15-il miljun, se tiġi ffinanzjata parti minnha minn self min-naħa tal-azzjonisti ta' EUR 7.5 miljun. Il-bqija tal-finanzjament għall-kantina l-ġdida se jiġi minn self minn bank kummerċjali (ara l-premessa (49)). Il-Kummissjoni tqis li dan is-self minn bank kummerċjali jista' jitqies bħala kontribut importanti tal-kumpanija stess. B'hekk, f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet mogħtija fil-paragrafi 40 u 41 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar kienu ssodisfati.

*L-implimentazzjoni bis-sħiħ tal-pjan tar-ristrutturar*

(135) Skont il-paragrafu 43 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar, il-kumpanija trid timplimenta bis-sħiħ il-pjan tar-ristrutturar.

(136) Il-Kummissjoni tqis li din il-kundizzjoni kienet issodisfata. Skont it-tagħrif mibgħut, fl-ewwel sentejn tal-operat tagħha, il-bejgħ u l-qligħ tal-kumpanija GmbH kien ferm iktar milli mistenni. Wara li twaqqfet il-kumpanija GmbH u ngħatat l-ewwel injezzjoni tal-kapital, ir-reġjun ta biss injezzjoni oħra tal-kapital, ta' EUR 1,225 miljun (ara l-premessa (33)). Il-kantina l-ġdida tal-inbid (li hi stmata li se tiswa b'kollox investiment ta' EUR 15-il miljun) se tiġi ffinanzjata parti minnha minn self min-naħa tal-azzjonisti mogħti mir-reġjun b'rata tal-imgħax minima fissa u żgurata (ara l-premessi (40) sa (45)), u parti minnha minn self minn bank kummerċjali (ara l-premessa (49)). L-amministrazzjoni u l-ħanut tal-inbid għandhom jiġu ttrasferiti lejn il-kmamar fil-monasteru ta' Eberbach.

*Il-prinċipju tal-għajnuna ta' darba biss ("darba biss, l-aħħar darba")*

(137) Skont il-paragrafu 48 tal-linji gwida dwar ir-ristrutturar, l-għajnuna għar-ristrutturar għandha tingħata biss darba kull għaxar snin (li għandhom jibdew minn meta jispiċċa l-perjodu tar-ristrutturar jew minn meta ma jkomplix jiġi implimentat il-pjan) sabiex ikun evitat li l-impriżi jabbużaw mill-għajnuna. Skont il-paragrafu 49 tal-istess linji gwida, l-applikazzjoni ta' din ir-regola mhi effettwata bl-ebda mod mit-tibdil fis-sidien ta' kumpanija wara li din tkun ingħatat xi għajnuna.

(138) Il-Kummissjoni tqis li f'dan il-każ inżamm il-prinċipju tal-għajnuna ta' darba biss minħabba li fl-aħħar għaxar snin l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen ma ngħataw l-ebda għajnuna sabiex jiġu salvati jew irristrutturati. Hekk kif spjegat fil-paragrafu (109), il-Kummissjoni ma sabitx li l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen kellhom jitqiesu bħala kumpanija f'diffikultà meta kien għadhom amministrati bħala parti mill-amministrazzjoni ġenerali u mbagħad bħala impriża tar-reġjun ta' Hessen. Minflok, il-kopertura, minn żmien għall-ieħor, tad-defiċit li kien hemm bejn l-1995 u l-2002 kienet tikkostitwixxi biss għajnuna illegali għall-operat (ara l-premessa (111)).

(139) B'hekk il-Kummissjoni tqis li l-miżuri tar-ristrutturar mittieħda mir-reġjun ta' Hessen favur l-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun huma konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-linji gwida tal-1999 tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex jiġu salvati u rristrutturati l-kumpaniji f'diffikultà, u b'hekk huma kompatibbli mas-suq komuni.

(140) Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Ġermanja ma għarrfithiex dwar l-għajnuna skont l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE, u li, minflok, hija implimentata kontra l-liġi.

## VI. **KONKLUŻJONI**

(141) Il-Kummissjoni sabet li l-Ġermanja implimentat miżuri li jmorru kontra l-liġi biex tagħti għajnuna mill-Istat lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen fil-forma ta' kopertura kontinwa tad-djun li kienu jammontaw għal EUR 541 859, bi ksur tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE. Minn din l-għajnuna bbenefikaw kemm l-impriża msejħa "Betrieb gewerblicher Art" kif ukoll il-kumpanija GmbH. Minħabba l-fatti partikulari ta' dan il-każ, wieħed jista' jgħid li l-vantaġġ mogħti kien fi proporzjon mal-assi tal-operat li ttieħdu minn idejn dik li qabel kienet l-impriża tar-reġjun ta' Hessen tal-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb f'dan ir-reġjun.

(142) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet ukoll li l-miżuri tar-ristrutturar mittieħda mir-reġjun ta' Hessen favur il-kumpanija GmbH jikkostitwixxu għajnuna mill-istat li hija kompatibbli mat-Trattat tal-KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat ta' EUR 541 859 li l-Ġermanja tat mill-1995 sal-2002 lill-azjendi agrikoli li jkabbru l-għeneb fir-reġjun ta' Hessen, bi ksur tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE, mhijiex kompatibbli mas-suq komuni.

L-għajnuna mill-Istat li l-Ġermanja tat wara l-2002 lill-kumpanija Hessische Staatsweingüter GmbH Kloster Eberbach fil-forma ta' miżuri tar-ristrutturar, bi ksur tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE, hija kompatibbli mas-suq komuni.

*Artikolu 2*

1. Il-Ġermanja se titlob lill-impriża msejħa "Betrieb gewerblicher Art" u lill-kumpanija Hessische Staatsweingüter GmbH Kloster Eberbach jagħtuha lura l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(1), f'ammont proporzjonat mal-għajnuna li ngħataw.

2. L-ammonti li għandhom jingħataw lura għandhom jinkludu l-imgħax mid-data ta' meta ngħatat l-għajnuna sa meta jitħallsu lura fil-verità.

3. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-imgħax kompost skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([18]).

*Artikolu 3*

1. L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(1) għandha tintalab lura b'mod immedjat u effettiv.

2. Il-Ġermanja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tkun implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 4*

1. Fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Ġermanja għandha tibgħat lill-Kummissjoni t-tagħrif li ġej:

— l-ammont totali (il-kapital u l-imgħaxijiet) li kull benefiċjarju għandu jħallas lura;

— deskrizzjoni fid-dettall tal-miżuri li diġà ttieħdu u ta' dawk li huma ppjanati sabiex tkun implimentata din id-Deċiżjoni;

— dokumenti bil-miktub li juru li l-benefiċjarji ntalbu jħallsu lura l-għajnuna.

2. Il-Ġermanja għandha tgħarraf lill-Kummissjoni dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali li jkunu ttieħdu sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm tkun tħallset lura l-għajnuna kollha msemmija fl-Artikolu 1(1). Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Ġermanja għandha tibgħatilha minnufih it-tagħrif dwar il-miżuri li jkunu diġà ttieħdu u dawk li jkunu ppjanati sabiex tkun implimentata din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, hija għandha tibgħat ukoll tagħrif fid-dettall dwar l-ammonti tal-għajnuna u tal-imgħaxijiet li l-benefiċjarji jkunu diġà ħallsu lura.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Brussell, l-20 ta' Mejju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([18]) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT